Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,358, 10 ta' Diċembru, 2024
Taqsima B

A.L. 338 tal-2024

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2024 dwar l-Applikazzjoni ta' Pedaġġi u Tariffi għall-Utent għal Vetturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar l-Applikazzjoni ta' Pedaġġi u Tariffi għall-Utent għal Vetturi. Titolu u għan.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu tal-infrastrutturi tat-toroq.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"arranġament ta' pedaġġi jew ta' tariffi emendat b'mod sostanzjali" tfisser arranġament ta' pedaġġ jew ta' tariffi, fejn l-emenda tar-rati hija mistennija żżid id-dħul b'aktar minn għaxra fil-mija (10%) meta mqabbel mas-sena ta' kontabbiltà preċedenti, eskluż l-effett taż-żieda fit-traffiku u wara li ssir korrezzjoni għall-inflazzjoni mkejla b'bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur madwar l-UE kollha (HICP), u eskluż l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat, kif ippubblikat mill-Kummissjoni (Eurostat);

"Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta; Kap. 499.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa skont l-Att;

"awtostrada" tfisser triq iddisinjata u mibnija apposta għat-traffiku ta' vetturi bil-mutur, li ma twassalx għal proprjetajiet li jmissu magħha, u li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) hija pprovduta, għajr f'punti speċjali jew b'mod temporanju, b'karreġġati separati għaż-żewġ (2)

direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin jew bi strippa diviżorja mhux intenzjonata għat-traffiku jew, b'mod eċċezzjonali, b'mezzi oħra;

(b) fl-istess livell ma taqsam ma' ebda triq, linja tal-ferrovija jew tat-tramm, passaġġ għar-roti jew passaġġ għall-mixi; u

(ċ) hija identifikata speċifikament bħala awtostrada;

"Direttiva 1999/62/KE" tfisser id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju, 1999 dwar il-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu tal-infrastrutturi tat-toroq kif emendata bid-Direttiva 2006/38/KE tas-17 ta' Mejju 2006, bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/103/KE tal-20 ta' Novembru 2006 u bid-Direttiva (UE) 2022/362 tal-24 ta' Frar 2022;

"Direttiva 2014/45/UE" tfisser id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE;

"emissjonijiet ta' CO_2" tfisser l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 ta' vettura tqila previsti fil-punt 2.3 tal-Fajl ta' Informazzjoni għall-Klijent kif imfisser fil-Parti II tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400;

"emissjonijiet ta' referenza ta' CO_2 ta' grupp ta' vetturi" tfisser:

(a) għal vetturi koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242, l-ammont ikkalkulat skont il-formula fil-punt 3 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament;

(b) għal vetturi mhux koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242, il-valur medju tal-emissjonijiet ta' CO_2 kollha ta' vetturi f'dak il-grupp ta' vetturi, irrappurtat skont ir-Regolament (UE) 2018/956 għall-ewwel perjodu ta' rappurtar, li għandu jibda wara d-data li fiha r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi f'dak il-grupp ta' vetturi, li ma jikkonformawx mal-obbligi msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2400, hu pprojbit skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2017/2400;

"grupp ta' vetturi" tfisser grupp ta' vetturi elenkati fit-

Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/2400;

"infrastruttura" tfisser il-partijiet kollha tan-network tat-toroq f'Malta;

"karavann bil-mutur" tfisser vettura bi spazju għall-għajxien li fiha siġġijiet u mejda, akkomodazzjoni għall-irqad kemm jekk separata kifukoll jekk konvertita minn lok fejn wieħed normalent ipoġġi, faċilitajiet tat-tisjir u faċilitajiet tal-ħżin:

Iżda l-Awtorità tista' tittratta karavan bil-mutur kemm bħala kowċ kif ukoll bħala xarabank, jew bħala karozza tal-passiġġieri;

"karozza tal-passiġġieri" tfisser vettura ħafifa maħsuba għall-ġarr ta' mhux aktar minn tmien (8) passiġġieri minbarra s-sewwieq;

"konġestjoni" tfisser sitwazzjoni fejn il-volumi tat-traffiku joqorbu jew jeċċedu l-kapaċità li tiflaħ it-triq;

"kowċ" u "xarabank", għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, ifissru vettura tqila maħsuba għall-ġarr ta' aktar minn tmien (8) passiġġieri, minbarra s-sewwieq;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

"kuntratt ta' konċessjoni" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħti lit-tifsira "konċessjonijiet" fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni; L.S. 601.09.

"minibus" tfisser vettura ħafifa maħsuba għall-ġarr ta' aktar minn tmien (8) passiġġieri, minbarra s-sewwieq;

"network trans-Ewropew tat-trasport" tfisser l-infrastruttura tat-trasport bit-triq imsemmija fil-Kapitolu II, Taqsima 3, tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, kif jidher fil-mapep fl-Anness I tal-imsemmi Regolament;

"network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni" tfisser l-infrastruttura tat-trasport identifikata skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

"operatur tat-trasport" tfisser kwalunkwe impriża li tittrasporta l-merkanzija jew il-passiġġieri bit-triq;

"pedaġġ" tfisser ammont speċifiku li jitħallas fir-rigward

ta’ vettura bbażat fuq id-distanza ta’ vjaġġ fuq infrastruttura partikolari u fuq it-tip ta’ vettura, li l-ħlas tiegħu jikkonferixxi d-dritt sabiex dik il-vettura tuża l-infrastrutturi u li tikkonsisti f’waħda jew aktar mit-tariffi li ġejjin:

(a) tariffa għall-infrastruttura;

(b) tariffa tal-konġestjoni; jew

(c) tariffa għall-ispejjeż esterni;

"pedaġġ ta' konċessjoni" tfisser pedaġġ impost minn konċessjonarju taħt kuntratt ta' konċessjoni;

"perjodu ta’ rappurtar tas-sena Y" tfisser l-perjodu ta’ rappurtar tas-sena Y kif imfisser fl-Artikolu 3, punt (3) tar-Regolament (UE) 2019/1242;

"Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400" tfisser ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil ta' vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011;

"Regolament (UE) Nru 1315/2013" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE;

"Regolament (UE) 2018/858" tfisser ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE;

"Regolament (UE) 2018/956" tfisser ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO_2 ta’ u l-konsum ta’ fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda;

"Regolament (UE) 2019/1242" tfisser ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju

2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għal vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) Nru 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE;

"sottogrupp ta' vettura" tfisser sottogrupp ta' vetturi kif imfisser fl-Artikolu 3, punt 8 tar-Regolament (UE) 2019/1242;

"spejjeż ta' finanzjament' tfisser imgħax fuq self u ritorn fuq kwalunkwe finanzjament mill-bejgħ ta' ishma kkontribwit mill-azzjonisti;

"spejjeż tal-kostruzzjoni" tfisser l-ispejjeż marbuta mal-kostruzzjoni, inkluż, fejn xieraq, l-ispejjeż tal-finanzjament ta' infrastruttura ġdida jew titjib fl-infrastruttura ġdida, inkluż tiswijiet strutturali sinifikanti:

Iżda l-proporzjon tal-ispejjeż tal-kostruzzjoni li għandhom jitqiesu ma għandux jeċċedi l-proporzjon tal-perjodu tal-ħajja attwali tad-disinn tal-komponenti tal-infrastruttura li kien għad fadal jiddekorri fl-10 ta' Ġunju 2008 jew fid-data meta jiddaħħlu l-arranġamenti l-ġodda ta' pedaġġ, fejn din tkun data aktar tardiva:

Iżda wkoll spejjeż tal-infrastruttura jew titjib tal-infrastruttura jistgħu jinkludu kwalunkwe nefqa speċifika fuq l-infrastruttura li tkun iddisinjata sabiex tnaqqas l-iskumditàmarbuta mal-istorbju, sabiex jiġu introdotti teknoloġiji innovattivi jew sabiex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u l-ħlasijiet attwali magħmula mill-operatur tal-infrastruttura li jikkorrispondu ma' elementi ambjentali oġġettivi bħal protezzjoni kontra l-kontaminazzjoni tal-ħamrija;

"spiża tal-emissjonijiet ta' CO_2 mit-traffiku" tfisser l-ispiża tal-ħsara kkawżata mir-rilaxx ta' CO_2 matul it-tħaddim ta' vettura;

"spiża tat-tniġġis tal-arja mit-traffiku" tfisser l-ispiża tal-ħsara għas-saħħa tal-bniedem u tal-ħsara għall-ambjent ikkawżata mir-rilaxx ta' materja partikolata u ta' prekursuri tal-ożonu, bħan-NOx u komposti organiċi volatili, matul it-tħaddim ta' vettura;

"spiża tat-tniġġis tal-istorbju mit-traffiku" tfisser l-ispiża tal-ħsara għas-saħħa tal-bniedem u tal-ħsara għall-ambjent ikkawżata mill-istorbju ġġenerat mill-vetturi jew mill-interazzjoni tagħhom mal-wiċċ tat-triq;

"tariffa għall-infrastruttura" tfisser tariffa imposta bl-iskop li jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-kostruzzjoni, il-manutenzjoni, l-operat u l-iżvilupp relatati mal-infrastruttura mġarrba f'Malta;

"tariffa għall-ispejjeż esterni" tfisser tariffa imposta bl-għan li jiġu rkuprati l-ispejjeż relatati ma' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) tniġġis tal-arja mit-traffiku;

(b) tniġġis mill-istorbju mit-traffiku; jew

(c) emissjonijiet ta' CO2 mit-traffiku;

"tariffa għall-utent" tfisser ammont speċifiku li l-ħlas tiegħu jagħti d-dritt lil vettura li tuża għal perjodu speċifiku l-infrastrutturi msemmija fir-regolament 3(1) u (2);

"tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura" tfisser id-dħul totali minn tariffa għall-infrastruttura fuq perjodu ta' żmien speċifiku diviż bin-numru ta' kilometri li l-vetturi tqal ivvjaġġaw fuq is-sezzjonijiet tat-toroq soġġetti għal dik it-tariffa matul dak il-perijodu;

"tariffa tal-konġestjoni" tfisser tariffa li tiġi imposta fuq il-vetturi għall-fini li jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-konġestjoni mġarrba f'Malta u sabiex titnaqqas il-konġestjoni;

"TFUE" tfisser it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"tip ta' vettura tqila" tfisser kategorija li taqa' taħtha vettura tqila skont in-numru ta' fusien tagħha, il-qisien jew il-piż tagħha, jew fatturi oħra ta' klassifikazzjoni ta' vetturi li jirriflettu l-ħsara fit-triq, bħas-sistema ta' klassifikazzjoni tal-ħsara fit-triq elenkata fis-Sitt Skeda, kemm-il darba s-sistema ta' klassifikazzjoni wżata tkun ibbażata fuq karatteristiċi tal-vettura li jidhru fid-dokumentazzjoni tal-vettura wżata fl-Istati Membri kollha jew li jkunu jidhru b'mod viżwali;

"tiswijiet strutturali sinifikanti" tfisser tiswijiet strutturali għajr dawk it-tiswijiet li ma għad għandhom l-ebda benefiċċju attwali għall-utenti tat-toroq, b'mod partikolari fejn ix-xogħol tat-tiswija ġie sostitwit b'aktar kisi mill-ġdid tat-toroq jew xogħol ieħor ta' kostruzzjoni;

"trajettorja tat-tnaqqis ta' emissjonijiet" tfisser, għall-perjodu ta' rappurtar ta' sena (Y) u s-sottogrupp ta' vettura (sg),

jiġifieri $ET_{Y,sg}$, il-prodott tal-fattur ($R\text{-}ET_Y$) ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' CO_2 annwali mmultiplikat bl-emissjonijiet ta' CO_2 ta' referenza (rCO_{2sg}) tas-sottogrupp (sg), jiġifieri $ET_{Y,sg} = R\text{-}ET_Y \times rCO_{2sg}$ għas-snin $Y \leq 2030$, $R\text{-}ET_Y$ u rCO_{2sg} huma t-tnejn iddeterminati f'konformità mal-punt 5.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242; għas-snin $Y > 2030$, $R\text{-}ET_Y$ huwa 0.70; rCO_{2sg} japplika kif aġġustat minn atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/1242 għall-perjodi ta' rappurtar li jibdew wara d-dati rispettivi ta' applikazzjoni ta' dawk l-atti delegati;

"vann" tfisser vettura ħafifa skont it-tifsira tal-Parti C, il-punt 4.2, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858;

"vettura" tfisser vettura bil-mutur, b'erba' (4) roti jew aktar, jew kombinazzjoni ta' vettura artikolata maħsuba jew użata għall-ġarr bit-triq ta' passiġġieri jew merkanzija;

"vettura b'emissjonijiet żero" tfisser:

(a) vettura tqila b'emissjonijiet żero kif imfissra fl-Artikolu 3, punt 11, tar-Regolament (UE) 2019/1242; jew

(b) kwalunkwe karozza tal-passiġġieri, minibus jew vettura kummerċjali ħafifa mingħajr magna tal-kombustjoni interna;

"vettura ħafifa" tfisser vettura b' massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' mhux aktar minn tlieta punt ħamsa (3.5) tunnellati;

"vettura kummerċjali ħafifa" tfisser vettura ħafifa maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija;

"vettura ta' interess storiku" tfisser vettura ta' interess storiku kif imfisser fl-Artikolu 3, punt 7, tad-Direttiva 2014/45/UE;

"vettura tal-klassi tal-emissjonijiet "Euro 0", "Euro I", "Euro II", "Euro III", "Euro IV", "Euro V", "EEV", "Euro VI"" tfisser vettura tqila li tikkonforma mal-limiti tal-emissjonijiet elenkati fl-Ewwel Skeda;

"vettura tqila" tfisser vettura b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli li teċċedi tlieta punt ħamsa (3.5) tunnellati;

"vettura tqila b'emissjonijiet baxxi" tfisser:

(a) vettura tqila b'emissjonijiet baxxi kif imfissra fl-Artikolu 3, punt 12 tar-Regolament (UE) 2019/1242; jew

(b) vettura tqila mhux koperta mill-Artikolu 2(1), punti (a) sa (d) ta' dak ir-Regolament, b'emissjonijiet ta' CO_2 inqas minn ħamsin fil-mija (50%) tal-emissjonijiet ta' CO_2 ta' referenza tal-grupp ta' vetturi tagħha, għajr vettura b'emissjonijiet żero;

"vettura tqila tal-merkanzija" tfisser vettura tqila maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija.

Introduzzjoni ta' pedaġġi u, jew tariffi għall-utenti fuq in-network tat-toroq ta' Malta.

3. (1) L-Awtorità għandha tkun l-entità li għandha tkun inkarigata bl-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' pedaġġi u tariffi għall-utenti fuq in-network trans-Ewropew tat-toroq ta' Malta jew fuq ċerti sezzjonijiet ta' dak in-network, u fuq kwalunkwe partijiet oħra addizzjonali tan-network ta' awtostradi ta' Malta li ma humiex parti min-network trans-Ewropew tat-toroq fil-każ li Malta tiddeċiedi li tintroduċi pedaġġi u, jew tariffi għall-utenti f'Malta skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subregolamenti (4) sa (11) u fir-regolamenti 4 sa 12.

(2) Fil-każ tal-introduzzjoni ta' pedaġġi u, jew tariffi għall-utent fuq in-network tat-toroq ta' Malta, tali pedaġġi u tariffi għall-utent għandhom jiġu applikati f'konformità mad-Direttiva 1999/62/KE u t-TFUE, u b'mod li ma jiddiskriminax kontra t-traffiku internazzjonali, u li ma jirriżultax fi tfixkil tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi. Pedaġġi u tariffi għall-utent applikati għal toroq minbarra toroq tan-network trans-Ewropew u minbarra l-awtostradi, għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subregolamenti (4) u (5), fir-regolament 4, u fir-regolament 12(1) sa (4) u (10).

(3) F'tali każ, pedaġġi u tariffi għall-utent għal kategoriji differenti ta' vetturi, bħal vetturi tqal, vetturi tqal tal-merkanzija, kowċis u xarabanks, vetturi ħfief, vetturi kummerċjali ħfief, minibuses u karozzi tal-passiġġieri, jistgħu jiġu introdotti jew miżmuma indipendentement minn xulxin:

Iżda jekk tali tariffa tiġi introdotta fuq karozzi tal-passiġġieri, din għandha tapplika wkoll għal vetturi kummerċjali ħfief.

(4) Fil-każ tal-introduzzjoni ta' pedaġġi u tariffi għall-utent fuq in-network tat-toroq f'Malta, l-ebda kategorija ta' vetturi ma tista' tiġi mitluba tħallas kemm pedaġġi kif ukoll tariffi għall-utent għall-użu ta' sezzjoni waħda tat-triq:

Iżda jekk tiġi introdotta sistema ta' tariffa għall-utent għall-użu tan-network tat-toroq, jista' jiġi applikat ukoll pedaġġ separat

għall-użu ta' pontijiet u mini fejn tkun issodisfata waħda jew iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikazzjoni tar-regolament 6(7), tar-regolament 9(1) sa (6), u tar-regolament 10(8) u (9) ma jkunux teknikament prattikabbli għall-introduzzjoni ta' tali differenzjazzjoni fis-sistema ta' pedaġġ kkonċernata; u, jew

(b) l-applikazzjoni tar-regolament 6(7), tar-regolament 9(1) sa (6), u tar-regolament 10(8) u (9) twassal għad-devjazzjoni tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, b'impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq u s-saħħa pubblika:

Iżda wkoll fil-każ li l-Awtorità tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (b) tal-ewwel proviso, għandha tkun obbligata li tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha.

(5) Fil-każ li l-Awtorità tagħżel li tintroduċi u żżomm pedaġġi u tariffi għall-utent fuq in-network tat-toroq f'Malta, hija għandha tkun obbligata li tiżgura li l-pedaġġi u t-tariffi għall-utent hekk introdotti, ma jiddiskriminawx kemm jekk direttament jew indirettament, abbażi ta':

(a) in-nazzjonalità tal-utent tat-triq;

(b) l-Istat Membru jew il-pajjiż terz ta' stabbiliment tal-operatur tat-trasport;

(ċ) l-Istat Membru jew il-pajjiż terz tar-reġistrazzjoni tal-vettura; jew

(d) l-oriġini jew id-destinazzjoni tal-operazzjoni tat-trasport.

(6) Fir-rigward ta' ċerti sezzjonijiet tat-toroq, jistgħu jiġu applikati jew eskluži kompletament pedaġġi jew tariffi għall-utent mnaqqsa, b'mod partikolari fejn l-intensità tat-traffiku tkun baxxa f'żoni b'popolazzjoni b'densità baxxa.

(7) L-Awtorità tista' tapplika rati mnaqqsa ta' pedaġġi u tariffi għall-utent, jew eżenzjonijiet mill-obbligu li jitħallsu pedaġġu u tariffi għall-utent għal:

(a) vetturi tqal eżentati mir-rekwiżit li jinstallaw u jużaw tagħmir ta' reġistrazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-

Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq;

(b) vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli li teċċedi t-tlieta punt ħamsa (3.5) tunnellati u inqas minn sebgħa punt ħamsa (7.5) tunnellati wżati għall-ġarr ta' materjali, tagħmir jew makkinarju għall-użu tas-sewwieq matul ix-xogħol tas-sewwieq, jew għall-kunsinna ta' merkanzija li tiġi prodotta fuq bażi artiġjanali, fejn it-trasport ma jsirx b'kiri jew b'kumpens;

(ċ) kwalunkwe vettura eżentata, jew kwalunkwe vettura wżata jew li tkun proprjetà ta' persuni b'diżabilità; u

(d) vetturi b'emissjonijiet żero b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli sa erbgħa punt tnejn ħamsa (4.25) tunnellati.

(8) B'effet mill-25 ta' Marzu 2030, l-Awtorità ma għandhiex tapplika tariffi għall-utenti għal vetturi tqal fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni.

(9) Bla ħsara għas-subregolament (9), l-Awtorità tista' tapplika tariffi għall-utenti għal vetturi tqal fuq sezzjonijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni iżda unikament f'każijiet debitament ġustifikati meta l-applikazzjoni ta' pedaġġ tkun:

(a) tinvolvi spejjeż amministrattivi, ta' investiment u operatorji sproporzjonati meta mqabbla mad-dħul jew benefiċċji mistennija li tali pedaġġ ikun jiġġenera, pereżempju minħabba t-tul limitat tas-sezzjonijiet tat-toroq ikkonċernati jew id-densità tal-popolazzjoni relattivament baxxa jew it-traffiku relattivament baxx; jew

(b) twassal għad-devjazzjoni tat-traffiku b'impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq jew fuq is-saħħa pubblika:

Iżda qabel ma tapplika tali tariffi għall-utent, l-Awtorità għandha tavża lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tagħmel dan. Dik in-notifika għandha tinkludi r-raġunijiet li jiġġustifikaw, fid-dawl tas-subregolament (9), l-applikazzjoni tat-tariffa għall-utent abbażi ta' kriterji oġġettivi u informazzjoni ċara dwar il-vetturi u t-taqsimiet tat-toroq koperti mit-tariffa għall-utent:

Iżda wkoll l-Awtorità tista' tippreżenta avviż wieħed (1) għal aktar sezzjonijiet tat-toroq koperti mill-eżenzjonijiet, dment li l-ġustifikazzjoni tkun inkluża għal kull sezzjoni.

(10) Fil-każ li l-Awtorità tagħżel li tintroduċi u żżomm pedaġġi u tariffi għall-utenti fuq in-network tat-toroq f'Malta qabel il-25 ta' Marzu 2027, sa dik id-data, fir-rigward ta' vetturi tqal tal-merkanzija, tista' tapplika pedaġġi jew tariffi għall-utent fil-każ biss ta' vetturi tqal tal-merkanzija b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' mhux inqas minn tnax (12)-il tunnellata fejn tqis li l-impożizzjoni ta' pedaġġi jew tariffi għall-utent għall-vetturi tqal tal-merkanzija ta' inqas minn tnax-il (12) tunnellata tkun:

(a) toħloq effetti negattivi sinifikanti fuq iċ-ċirkolazzjoni libera tat-traffiku, l-ambjent, il-livelli ta' storbju, il-konġestjoni, is-saħħa jew is-sikurezza fit-toroq minħabba d-devjazzjoni tat-traffiku;

(b) tinvolvi spejjeż amministrattivi ta' aktar minn ħmistax fil-mija (15%) tad-dħul addizzjonali li jirriżultaw minn dik l-estensjoni; jew

(ċ) tikkonċerna kategorija ta' vetturi li ma tikkawżax aktar minn għaxra fil-mija (10%) tal-ispejjeż infrastrutturali li jista' jintalab ħlas għalihom:

Iżda jekk Malta tagħżel li tapplika pedaġġi jew tariffi għall-utent jew it-tnejn li huma fil-każ biss ta' vetturi tqal tal-merkanzija b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' mhux inqas minn tnax (12)-il tunnellata, hija għandha tinforma lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha flimkien mar-raġunijiet li tkun ibbażata fuqhom.

(11) Fil-każ li jiġu applikati pedaġġi għall-vetturi tqal kollha, l-Awtorità tista' tagħżel li tirkupra perċentwali differenti tal-ispejjeż mill-kowċis, ix-xarabanks u karavans bil-mutur, minn naħa, u mill-vetturi tqal tal-merkanzija, min-naħa l-oħra.

Il-tariffi għall-utent għandhom ikunu proporzjonati għat-tul tal-użu tal-infrastruttura.

4. (1) Fil-każ li jiġu introdotti tariffi għall-utent, dawn għandhom ikunu proporzjonati għat-tul tal-użu li jsir mill-infrastruttura.

(2) Jekk jiġu applikati tariffi għall-utent fir-rigward ta' vetturi twal, l-użu tal-infrastruttura għandu jkun disponibbli għal tal-anqas għall-perjodi li ġejjin: ġurnata, ġimgħa, xahar, u sena.

(3) F'dak il-każ, ir-rata għal xahar ma għandhiex taqbeż l-għaxra fil-mija (10%) tar-rata annwali, ir-rata għal ġimgħa ma għandhiex teċċedi il-ħamsa fil-mija (5%) tar-rata annwali u r-rata għal

ġurnata ma għandhiex teċċedi it-tnejn fil-mija (2%) tar-rata annwali.

(4) Jekk jiġu introdotti tariffi għall-utent, l-Awtorità tista' tiddeċiedi li għall-vetturi rreġistrati f'Malta japplikaw biss ir-rati annwali.

(5) Tariffi għall-utent, inkluż l-ispejjeż amministrattivi għall-vetturi tqal kollha, għandhom jiġu stabbiliti f'livell li ma jeċċedix ir-rati massimi elenkati fit-Tieni Skeda.

(6) Jekk jiġu applikati tariffi għall-utent fir-rigward ta' karozzi tal-passiġġieri, l-użu tal-infrastruttura għandu jkun disponibbli għal tal-anqas għall-perjodi li ġejjin: ġurnata (1), ġimgħa (1) jew għaxart (10) ijiem jew it-tnejn, xahar (1) jew xahrejn (2) jew it-tnejn, u sena (1).

(7) F'dak il-każ, ir-rata ta' xahrejn (2) ma għandhiex teċċedi t-tletin fil-mija (30%) tar-rata annwali, ir-rata ta' xahar ma għandhiex teċċedi d-dsatax fil-mija (19%) tar-rata annwali, ir-rata ta' għaxart (10) ijiem ma għandhiex teċċedi t-tnax fil-mija (12%) tar-rata annwali, ir-rata ta' ġimgħa ma għandhiex teċċedi l-ħdax fil-mija (11%) tar-rata annwali u r-rata ta' ġurnata ma għandhiex teċċedi d-disgħa fil-mija (9%) tar-rata annwali.

(8) L-Awtorità għandu jkollha d-dritt li tillimita t-tariffa għall-utent ta' ġurnata għal finijiet ta' tranżitu biss.

(9) L-Awtorità tista' wkoll tagħmel l-użu tal-infrastruttura disponibbli għal perjodi oħra ta' żmien. F'dak il-każ, għandha tapplika rati skont il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-utenti, filwaqt li tqis il-fatturi rilevanti kollha, b'mod partikolari r-rata annwali u r-rati applikati għall-perjodi l-oħra msemmija fis-subregolament (7), ix-xejriet eżistenti tal-użu u l-ispejjeż amministrattivi.

(10) Għall-minibuses u vetturi kummerċjali ħfief, l-Awtorità għandha tapplika l-istess dispożizzjonijiet kif stabbiliti fis-subregolamenti (2) u (3). Jekk tiġi stabbilita tariffa għall-utent differenti għal vetturi kummerċjali ħfief milli għall-karozzi tal-passiġġieri, għandhom jiġu stabbiliti rati ogħla ta' tariffi għall-utent għal vetturi kummerċjali milli għall-karozzi tal-passiġġieri.

Tariffa għall-infrastruttura.

5. (1) Fil-każ li l-pedaġġi jiġu introdotti bħala tariffa għall-infrastruttura, it-tariffa għall-vetturi tqal għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż tal-infrastruttura. It-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura għall-vetturi tqal għandha tkun relatata mal-ispejjeż tal-kostruzzjoni u l-ispejjeż operatorji, tal-manutenzjoni u tal-iżvilupp tan-network tal-infrastruttura kkonċernata. It-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura tista' tinkludi wkoll dħul fuq il-kapital u,

jew marġni ta' profitt ibbażat fuq il-kondizzjonijiet tas-suq.

(2) L-ispejjeż meqjusa għandhom ikunu relatati man-network jew il-parti tan-network li fuqha jiġu imposti t-tariffi għall-infrastruttura għall-vetturi tqal u mal-vetturi li jkunu soġġetti għal dawk it-tariffi u l-Awtorità tista' tagħżel li tirkupra biss perċentwal minn dawk l-ispejjeż.

(3) L-Awtorità għandha tikkalkula l-livell massimu tat-tariffa għall-infrastruttura għal vetturi tqal billi tuża metodoloġija bbażata fuq il-prinċipji ewlenin ta' kalkolu stabbiliti fis-subregolamenti (1) u (2) u fl-Ewwel Skeda.

(4) Fil-każ li jiġu introdotti pedaġġi ta' konċessjoni, il-livell massimu tat-tariffa għall-infrastruttura għal vetturi tqal għandu jkun ekwivalenti għal, jew inqas, mil-livell li kien jirriżulta mill-użu ta' metodoloġija bbażata fuq il-prinċipji ewlenin tal-kalkolu stabbiliti fis-subregolamenti (1) u (2), u t-Tieni Skeda. Il-valutazzjoni ta' ekwivalenza ta' dan it-tip għandha ssir abbażi ta' perjodu ta' referenza raġonevolment twil adatt għan-natura tal-kuntratt ta' konċessjoni.

(5) Wara li tinforma lill-Kummissjoni, l-Awtorità tista' tagħmel żieda marġinali mat-tariffa tal-infrastruttura imposta fuq sezzjonijiet speċifiċi tat-toroq li jkollhom konġestjoni regolari, jew li l-użu tagħhom mill-vetturi jikkawża ħsara ambjentali partikolari, fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-dħul iġġenerat miż-żieda marġinali jiġi investit biex jiffinanza l-iżvilupp tas-servizzi tat-trasport jew fil-kostruzzjoni jew il-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport tan-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni li jikkontribwixxu direttament biex tittaffa l-konġestjoni jew il-ħsara ambjentali u li jinsabu fl-istess kuritur bħas-sezzjoni tat-triq li fuqha tiġi applikata ż-żieda marġinali;

(b) iż-żieda marġinali ma teċċedix ħmistax fil-mija (15%) tat-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura kkalkulata f'konformità mas-subregolamenti (1), (3) u (4), ħlief fejn id-dħul iġġenerat jiġi investit f'sezzjonijiet transfruntiera ta' kuritur tan-network ewlieni identifikat skont il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, f'liema każ iż-żieda marġinali ma għandhiex teċċedi l-ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) ta' dik it-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura;

(ċ) l-applikazzjoni taż-żieda marġinali ma tirriżultax fi trattament inġust tat-traffiku kummerċjali meta mqabbel ma' utenti oħra tat-triq;

(d) deskrizzjoni tal-post eżatt taż-żieda marġinali u prova ta' deċiżjoni li jiġu ffinanzjati l-infrastruttura tat-trasport jew is-servizzi tat-trasport imsemmija fil-paragrafu (a) jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni qabel l-applikazzjoni taż-żieda marġinali; u

(e) il-perjodu li għalih għandha tapplika ż-żieda marġinali jkun definit u limitat minn qabel u jkun konsistenti, fir-rigward tad-dħul li mistenni jidħol, mal-pjani finanzjarji u mal-analiżi tal-kost-benefiċċju għall-proġetti kofinanzjati bid-dħul miż-żieda marġinali.

(6) Żieda marġinali tista' tiġi applikata fuq tariffa għall-infrastruttura li tkun ġiet varjata skont is-subregolamenti (9) sa (13), ir-regolament 9 jew ir-regolament 10.

(7) Żieda marġinali ma tistax tiġi applikata għal sezzjonijiet tat-toroq li fuqhom tiġi applikata tariffa tal-konġestjoni.

(8) It-tariffa għall-infrastruttura tista' tiġi varjata bl-iskop li tonqos il-konġestjoni, tonqos kemm jista' jkun il-ħsara għall-infrastruttura u jitjieb bl-aħjar mod possibbli l-użu tal-infrastruttura kkonċernata jew tiġi promossa s-sikurezza fit-toroq, kemm-il darba jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-varjazzjoni tkun trasparenti, reża pubblika u disponibbli għall-utenti kollha fuq termini ugwali;

(b) il-varjazzjoni tiġi applikata skont il-ħin tal-ġurnata, it-tip ta' ġurnata jew l-istaġun;

(ċ) l-ebda tariffa għall-infrastruttura ma tkun aktar minn mija u ħamsa u sebgħin fil-mija (175%) 'l fuq mil-livell massimu tat-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura kif imsemmi fis-subregolamenti (1) u (2);

(d) il-perjodi bl-aktar traffiku li matulhom jiġu imposti tariffi ogħla għall-infrastruttura bl-iskop li tonqos il-konġestjoni ma jkunux itwal minn sitt (6) sigħat kuljum;

(e) il-varjazzjoni tkun ippjanata u applikata b'mod trasparenti u newtrali f'sens ta' dħul finanzjarju fuq sezzjoni tat-triq effettwata mill-konġestjoni b'mod li toffri rati ta' pedaġġ imnaqqsa għall-utenti tat-triq li jivvjaġġaw waqt perjodu bla traffiku u rati ta' pedaġġ ogħla għall-utenti tat-triq li jivvjaġġaw waqt is-sigħat ta' traffiku intensiv fl-istess sezzjoni tat-triq; u

(f) l-ebda tariffa tal-konġestjoni ma għandha tiġi imposta fuq is-sezzjoni tat-triq ikkonċernata.

(9) Jekk l-Awtorità tkun tixtieq tintroduċi tali varjazzjoni jew tbiddel waħda eżistenti għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar dan u tipprovdilha l-informazzjoni meħtieġa biex tivvaluta jekk il-kondizzjonijiet humiex issodisfatti.

(10) Sakemm tiġi applikata l-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura u t-tariffi għall-utent imsemmija fir-regolamenti 9 u 10 fir-rigward tal-vetturi tqal, l-Awtorità għandha tvarja t-tariffa għall-infrastruttura skont il-klassi tal-emissjonijiet Euro tal-vettura b'tali mod li ebda tariffa għall-infrastruttura ma tkun aktar minn mija fil-mija (100%) 'l fuq mill-istess tariffa għal vetturi ekwivalenti li jissodisfaw l-aktar standards stretti tal-emissjonijiet Euro. Ladarba t-tariffi għall-infrastruttura u t-tariffi għall-utent jiġu varjati skont ir-regolamenti 9 u 10, l-Awtorità tista' twaqqaf il-varjazzjoni skont il-klassi tal-emissjonijiet Euro.

(11) L-Awtorità tista' tiddeċiedi li ma tapplikax ir-rekwiżit li tvarja t-tariffa għall-infrastruttura jekk tkun tapplika xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) tiġi mminata b'mod serju l-koerenza tas-sistemi ta' pedaġġ fit-territorju tiegħu;

(b) ma jkunx teknikament prattikabbli li jiġi introdott dan id-differenzjar fis-sistema ta' pedaġġ ikkonċernata;

(ċ) dan iwassal għad-devjazzjoni tal-vetturi li jniġġsu l-aktar b'impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq u s-saħħa pubblika; jew

(d) il-pedaġġ jinkludi tariffa għall-ispejjeż esterni għat-tniġġis tal-arja:

Iżda ftali każ, l-Awtorità għandha tkun obbligata li tavża lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha.

(12) Il-varjazzjonijiet imsemmija f'dan ir-regolament ma għandhomx ikunu maħsuba sabiex jiġġeneraw dħul addizzjonali.

Tariffa għall-ispejjeż esterni.

6. (1) L-Awtorità tista' tintroduċi tariffa għall-ispejjeż esterni, marbuta mal-ispiża tat-tniġġis tal-arja mit-traffiku, it-tniġġis mill-istorbju, l-emissjonijiet ta' CO_2 jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom.

(2) Jekk tiġi applikata tariffa għall-ispejjeż esterni għal vetturi tqal, l-Awtorità għandha tvarjaha u tistabbilixxiha skont ir-rekwiżiti minimi u l-metodi msemmija fit-Tieni Skeda u għandha tirrispetta l-valuri ta' referenza stipulati fit-Tielet Skeda u fir-Raba' Skeda.

(3) L-ammont tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għandu jiġi stabbilit mill-Awtorità.

(4) L-Awtorità tista' tapplika eżenzjonijiet li jippermettu li t-tariffi għall-ispejjeż esterni jiġu aġġustati għal vetturi ta' interess storiku.

(5) Meta timponi tariffa għall-ispejjeż esterni għat-tniġġis tal-arja jew tal-istorbju, l-Awtorità għandha tqis l-ispejjeż relatati man-network jew mal-parti tan-network li fuqha tiġi imposta dik it-tariffa u l-vetturi li huma soġġetti għal dik it-tariffa.

(6) It-tariffa għall-ispejjeż esterni marbuta mat-tniġġis tal-arja mit-traffiku ma għandhiex tapplika għal vetturi tqal li jikkonformaw mal-aktar standards stretti tal-emissjonijiet Euro:

Iżda tali eżenzjoni ma għandhiex tibqa' tapplika erba' (4) snin wara d-data meta r-regoli li introduċew dawk l-istandards bdew japplikaw.

(7) Fil-każ li tali tariffi jiġu introdotti, b'effett mill-25 ta' Marzu 2026, l-Awtorità għandha tapplika tariffa għall-ispejjeż esterni għat-tniġġis tal-arja mit-traffiku għal vetturi tqal fuq in-network b'pedaġġ imsemmi fir-regolament 3(1):

Iżda l-Awtorità tista' tiddeċiedi li ma tapplikax tariffa għall-ispejjeż esterni fuq dawk it-taqsimiet tat-triq fejn dan ikun iwassal għal devjazzjoni tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, li jirriżulta f'impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq u s-saħħa pubblika.

Tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni bbażati fuq emissjonijiet ta' CO_2.

7. (1) L-Awtorità tista' tapplika tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO_2 li jkunu ogħla mill-valuri ta' referenza stipulati fir-Raba' Skeda, sakemm dan isir b'mod mhux diskriminatorju u limitat għal mhux aktar mid-doppju (2) tal-valuri stipulati fir-Raba' Skeda.

(2) Fejn l-Awtorità tieħu deċiżjoni skont is-subregolament (1), tali deċiżjoni għandha tiġi ġustifikata u notifikata lill-Kummissjoni skont it-Tieni Skeda.

(3) Għal xarabanks u kowċis, l-Awtorità tista' tagħżel li tapplika l-istess valuri jew valuri aktar baxxi minn dawk applikati għal vetturi tqal tal-merkanzija.

(4) Tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet tas-CO_2 tista' tiġi kkombinata ma' tariffa għall-infrastruttura li tkun ġiet varjata skont ir-regolamenti 9 u 10.

Ħlas għall-konġestjoni.

8. (1) L-Awtorità tista', skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ħames Skeda, tintroduċi tariffa tal-konġestjoni fuq kwalunkwe sezzjoni tan-network tat-toroq f'Malta li tkun affettwata mill-konġestjoni. It-tariffa tal-konġestjoni tista' tiġi applikata biss fuq dawk is-sezzjonijiet tat-toroq li jkollhom konġestjoni regolari u unikament matul dawk il-perjodi meta jkunu tipikament konġestjonati.

(2) Jekk tagħżel li tintroduċi tali tariffa tal-konġestjoni, l-Awtorità għandha tispeċifika s-sezzjonijiet tat-toroq u l-perjodi ta' ħin imsemmija fis-subregolament (1) abbażi ta' kriterji oġġettivi marbuta mal-livell li t-toroq u l-viċinanzi tagħhom huma affettwati mill-konġestjoni, li jitkejjel *inter alia* f'termini tal-medja tad-dewmien jew tat-tul tas-serbut ta' vetturi.

(3) Jekk tali tariffa tal-konġestjoni tiġi imposta fuq kwalunkwe sezzjoni tan-network tat-toroq f'Malta, din għandha tiġi applikata b'mod mhux diskriminatorju għall-kategoriji kollha tal-vetturi, skont il-fatturi ta' ekwivalenza standard mogħtija fil-Ħames Skeda.

(4) Madankollu l-Awtorità tista' teżenta, b'mod parzjali jew kompletament, il-minibuses, ix-xarabanks u l-kowċis mit-tariffa tal-konġestjoni għall-promozzjoni tat-trasport kollettiv u tal-iżvilupp soċjoekonomiku u l-koeżjoni territorjali. Il-karavanns bil-mutur, irrispettivament mill-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tagħhom, ma għandhomx jiġu ttrattati bħala kowċis u xarabanks għall-fini ta' dan is-subregolament.

(5) It-tariffa tal-konġestjoni għandha tiġi stabbilita skont ir-rekwiżiti minimi msemmija fil-Ħames Skeda. Hija għandha tirrifletti l-ispejjeż imposti minn vettura fuq l-utenti l-oħra tat-triq u indirettament fuq is-soċjetà, u għandha tirrispetta l-valuri ta' referenza mogħtija fis-Sitt Skeda għal kwalunkwe tip speċifiku ta' triq.

(6) Jekk l-Awtorità tiddeċiedi tapplika tariffa tal-konġestjoni ogħla mill-valuri ta' referenza mogħtija fis-Sitt Skeda, hi għandha tinnotifika lill-Kummissjoni skont ir-rekwiżiti msemmija fil-Ħames Skeda.

(7) Jekk jiġu imposti tali tariffi tal-konġestjoni, id-dħul minn tali tariffi għandu jintuża biex tiġi indirizzata l-problema tal-konġestjoni, jew biex jiġu żviluppati trasport u mobbiltà sostenibbli b'mod ġenerali. Fejn tali dħul jiġi allokat għall-baġit ġenerali, għandu jitqies li jkun ġie applikat għall-iżvilupp ta' trasport u mobbiltà sostenibbli jekk tali dħul jintuża biex jiġu implimentati politiki ta' appoġġ finanzjarju biex tiġi indirizzata l-problema tal-konġestjoni jew biex jiġu żviluppati trasport u mobbiltà sostenibbli.

(8) L-Awtorità għandha tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa għall-monitoraġġ tal-impatt tat-tariffi tal-konġestjoni u għall-eżami mill-ġdid tal-livell tagħhom. L-Awtorità għandha twettaq eżami mill-ġdid tal-livell ta' tariffi b'mod regolari, tal-anqas kull tliet (3) snin, biex tiżgura li ma jeċċedux l-ispejjeż tal-konġestjoni li tokkorri f'Malta fis-sezzjonijiet tat-toroq soġġetti għal tariffa tal-konġestjoni.

Vetturi tqal.

9. (1) L-Awtorità għandha tvarja tariffi għall-infrastruttura u t-tariffi għall-utent għal vetturi tqal skont dan ir-regolament u r-regolament 10.

(2) L-Awtorità għandha tapplika dik il-varjazzjoni għas-sottogruppi ta' vetturi tqal koperti bl-Artikolu 2(1)(a) sa (d) tar-Regolament (UE) 2019/1242, mhux aktar tard minn sentejn (2) wara l-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO_2 ta' referenza għal dawk is-sottogruppi ta' vetturi fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242.

(3) Għall-klassijiet 1, 4 u 5 tal-emissjonijiet ta' CO_2, imsemmija fis-subregolament (7), dik il-varjazzjoni għandha tapplika għall-gruppi ta' vetturi tqal mhux koperti mill-Artikolu 2(1)(a) sa (d) tar-Regolament (UE) 2019/1242, mhux aktar tard minn sentejn (2) wara l-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO_2 ta' referenza f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-artikolu 7ga(7) tad-Direttiva 1999/62/KE għall-grupp rilevanti.

(4) Meta l-punt 5.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242 jiġi emendat permezz ta' att leġiżlattiv tal-Unjoni b'tali mod li jiġu koperti l-emissjonijiet ta' CO_2 ta' referenza rilevanti għal grupp ta' vetturi tqal, tali emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza ma għandhomx jibqgħu jiġu ddeterminati skont dawn ir-regolamenti iżda skont il-punt 5.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien.

(5) Fejn it-trajettorji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal gruppi ta' vetturi tqal mhux koperti mill-Artikolu 2(1)(a) sa (d) tar-Regolament (UE) 2019/1242, jiġu determinati minn att leġislattiv tal-Unjoni li jemenda l-punt 5.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242,il-varjazzjonijiet għall-klassijiet 2 u 3 tal-emissjonijiet tas-CO_2, kif definiti fis-subregolament (7) għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-trajettorji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet il-ġodda.

(6) Bla ħsara għat-tnaqqis tar-rati pprovduti fis-subregolament (9), l-Awtorità tista' tipprovdi għal rati mnaqqsa fit-tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent, jew eżenzjonijiet biex jitħallsu t-tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent għal vetturi b'emissjonijiet żero minn kwalunkwe grupp ta' vetturi mill-24 ta' Marzu 2022 sal-31 ta'

Diċembru 2025. B'effett mill-1 ta' Jannar 2026, tali tnaqqis għandu jkun limitat sa ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 tal-emissjonijiet tas-CO_2, kif definit fis-subregolament (7).

(7) Bla ħsara għas-subregolamenti (1) sa (6), l-Awtorità għandha tistabbilixxi għal kull tip ta' vettura tqila l-klassijiet ta' emissjonijiet tas-CO_2 li ġejjin:

(a) klassi 1 tal-emissjonijiet CO_2 li huma vetturi li ma jappartjenu għall-ebda klassi ta' emissjonijiet ta' CO_2 imsemmija fil-paragrafi (b) sa (e);

(b) klassi 2 tal-emissjonijiet CO_2 li huma vetturi tas-sottogrupp ta' vetturi sg irreġistrati għall-ewwel darba fil-perjodu ta' rapportar tas-sena Y b'emissjonijiet ta' CO_2 aktar minn ħamsa fil-mija (5%) inqas mit-trajettorja tat-tnaqqis ta' emissjonijiet għall-perjodu ta' rapportar għas-sena Y u s-sottogrupp tal-vettura sg iżda li ma jappartjenu għall-ebda klassi tal-emissjonijiet ta' CO_2 imsemmija fil-paragrafi (ċ), (d) u (e);

(ċ) klassi 3 tal-emissjonijiet CO_2 li huma vetturi tas-sottogrupp tal-vetturi sg irreġistrati għall-ewwel darba fil-perjodu ta' rapportar tas-sena Y b'emissjonijiet ta' CO_2 ta' aktar minn tmienja fil-mija (8%) taħtit-trajettorja tat-tnaqqis ta' emissjonijiet għall-perjodu ta' rapportar tas-sena Y u s-sottogrupp tal-vetturi sg li ma jappartjenu għall-ebda klassi ta' emissjonijiet tas-CO_2 imsemmija fil-paragrafi (d) u (e);

(d) klassi 4 tal-emissjonijiet CO_2 li huma vetturi tqal b'emissjonijiet baxxi; u

(e) klassi 5 tal-emissjonijiet CO_2 li huma vetturi b'emissjonijiet żero.

(8) L-Awtorità għandha tiżgura li l-klassifikazzjoni ta' vettura li tappartjeni għall-klassi 2 jew 3 ta' CO_2 tiġi vvalutata mill-ġdid kull sitt (6) snin wara d-data tal-ewwel reġistrazzjoni tagħha u li, fejn rilevanti, il-vettura tiġi kklassifikata mill-ġdid fil-klassi tal-emissjonijiet rilevanti abbażi tal-limiti massimi applikabbli f'dak iż-żmien. Ir-riklassifikazzjoni għandha, fir-rigward ta' tariffa għall-utent, tidħol fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-ewwel jum tal-validità tagħha, fil-jum ta' dik ir-riklassifikazzjoni jew warajh.

(9) Bla ħsara għas-subregolamenti (1) sa (6), għandhom japplikaw tariffi mnaqqsa għal vetturi fil-klassijiet 2, 3, 4 u 5 tal-emissjonijiet CO_2 kif ġej:

(a) għal klassi 2 tal-emissjonijiet ta' CO_2 tnaqqis ta' ħamsa fil-mija (5%) sa ħmistax fil-mija (15%) meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 tal-emissjonijiet ta' CO_2;

(b) għal klassi 3 tal-emissjonijiet ta' CO_2 tnaqqis ta' ħmistax fil-mija (15%) sa tletin fil-mija (30%) meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 tal-emissjonijiet ta' CO_2;

(ċ) għal klassi 4 tal-emissjonijiet ta' CO_2 tnaqqis ta' tletin fil-mija (30%) sa ħamsin fil-mija (50%) meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 tal-emissjonijiet ta' CO_2;

(d) għal klassi 5 tal-emissjonijiet ta' CO_2 tnaqqis ta' ħamsin fil-mija (50%) sa ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 tal-emissjonijiet ta' CO_2.

(10) Fejn it-tariffa għall-infrastruttura jew it-tariffa għall-utent tvarja wkoll skont il-klassi ta' emissjoni Euro, it-tnaqqis imsemmi fis-subregolament (9) għandu japplika meta mqabbel mat-tariffa applikata għall-aktar standards stretti tal-emissjonijiet Euro.

(11) Il-varjazzjonijiet imsemmija f'dan ir-regolament ma għandhomx ikunu maħsuba biex jiġġeneraw dħul addizzjonali.

Varjazzjoni tat-tariffa għall-infrastruttura.

10. (1) L-Awtorità tista' tiddeċiedi li ma tapplikax ir-rekwiżit li tvarja t-tariffa għall-infrastruttura skont ir-regolament 9(7) fejn tiġi imposta tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO_2 u din tiġi varjata skont il-valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO_2 fir-Raba' Skeda.

(2) F'sezzjonijiet tat-toroq fejn vettura titħaddem mingħajr emissjonijiet ta' CO_2 b'mod verifikabbli, l-Awtorità tista' tapplika, għal dik il-vettura, tariffi mnaqqsa skont il-klassi 5 tal-emissjonijiet ta' CO_2.

(3) Jekk l-Awtorità tiddeċiedi li tuża l-għażla fis-subregolament (2), għandha tapplika t-tariffi applikabbli għall-klassi 1 ta' emissjonijiet ta' CO_2 għal dik il-vettura f'sezzjonijiet oħra tat-toroq.

(4) L-applikazzjoni tal-varjazzjoni tat-tariffi abbażi tal-emissjonijiet ta' CO_2 imsemmija f'dan ir-regolament u fir-regolament 9 ma għandhiex tkun obbligatorja fejn tapplika miżura oħra tal-Unjoni għall-ipprezzar tal-karbonju tal-karburant għat-trasport bit-triq.

(5) L-Awtorità tista' tiddifferenzja bejn il-pedaġġi u t-tariffi għall-utent għal vetturi ħfief skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura kif determinata mill-emissjonijiet ta' CO_2 speċifiċi

kkombinati, jew ippeżati u kkombinati, reġistrati fl-entrata disgħa u erbgħin (49) taċ-ċertifikat tal-konformità tal-vettura u mill-prestazzjoni tal-emissjonijiet Euro.

(6) Bla ħsara għas-subregolamenti (8) u (9), għandhom japplikaw rati aktar baxxi ta' pedaġġi u tariffi għall-utent għal karozzi tal-passiġġieri, minibuses u l-vetturi kummerċjali ħfief li jissodisfaw iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-emissjonijiet speċifiċi tagħhom ta' CO_2, determinati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151, għandhom ikunu żero (0) jew inqas mil-livelli li ġejjin:

(i) għall-perjodu mill-2021 sal-2024, il-miri għall-flotta kollha tal-UE għall-2021 determinati skont il-Parti A, punt 6, u l-Parti B, punt 6, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien;

(ii) għall-perjodu mill-2025 sal-2029, il-miri għall-flotta kollha tal-UE determinati skont il-Parti A, punt 6.1.1, u l-Parti B, punt 6.1.1, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631; kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien;

(iii) għall-perjodu 2030 'il quddiem, il-miri għall-flotta kollha tal-UE f'konformità mal-Parti A, punt 6.1.2, u l-Parti B, punt 6.1.2, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631; kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien;

(b) l-emissjonijiet tagħhom ta' sustanzi niġġiesa, ddeterminati skont ir-Regolament (UE) 2017/1151, għandhom ikunu kif speċifikat fit-Tabella tas-Seba' Skeda.

(7) L-Awtorità tista' tapplika t-tnaqqis għal vetturi b'emissjonijiet żero msemmija fis-Seba' Skeda mingħajr ma tapplika tnaqqis għall-kategoriji l-oħra tar-rendiment tal-emissjonijiet imsemmija f'dik l-Iskeda.

(8) Mill-1 ta' Jannar 2026, fejn ikun teknikament prattikabbli, l-Awtorità għandha tvarja l-pedaġġi u t-tariffi annwali għall-utent għall-vannijiet u l-minibuses skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura, skont ir-regoli stabbiliti fis-Seba' Skeda. Għal dak il-għan, id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (6) għandhom ikunu indikattivi.

(9) Jekk l-Awtorità tagħżel li tapplika kriterji ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet jew livelli ta' tnaqqis differenti għal dawk stabbiliti fis-subregolamenti (5) sa (7), jew tagħżel li tinkludi kriterji differenti

jew addizzjonali, hija għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-għażliet tagħha u tipprovdi ġustifikazzjoni bil-miktub għal tali għazliet, mill-inqas sitt (6) xhur qabel l-introduzzjoni ta' kwalunkwe varjazzjoni:

Iżda l-Awtorità tista' tagħżel li tapplika tnaqqis għal vetturi b'emissjonijiet żero biss, mingħajr ma tapplika l-ebda varjazzjoni għal vetturi oħra u mingħajr ma tinnotifika lill-Kummissjoni.

(10) L-Awtorità tista' tqis titjib fil-prestazzjoni ambjentali tal-vettura li hija marbuta mal-konverżjoni ta' dik il-vettura għal karburanti alternattivi.

(11) L-Awtorità tista' tadotta miżuri eċċezzjonali għall-finijiet tal-impożizzjoni ta' tariffi fuq vetturi ta' interess storiku.

(12) Il-varjazzjonijiet imsemmija f'dan ir-regolament ma għandhomx ikunu maħsuba biex jiġġeneraw dħul addizzjonali.

Informazzjoni li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni.

11. (1) L-Awtorità għandha tibgħat lill-Kummissjoni, tal-inqas sitt (6) xhur qabel l-implimentazzjoni ta' arranġament ġdid jew sostanzjalment emendat ta' pedaġġ għal tariffa għall-infrastruttura:

(a) fir-rigward ta' arranġamenti ta' pedaġġi għajr dawk li jinvolvu konċessjoni ta' pedaġġi:

(i) il-valuri tal-unità u parametri oħrajn użati fil-kalkolu tad-diversi elementi ta' spejjeż għall-infrastruttura;

(ii) informazzjoni ċara dwar il-vetturi koperti mill-arranġamenti ta' pedaġġi, il-firxa ġeografika tan-network, jew ta' parti min-network, użata għal kull kalkolu tal-ispiża u l-persentaġġ tal-ispejjeż li huma maħsuba li jiġu rkuprati; u

(iii) fejn applikabbli, informazzjoni ċara dwar il-karatteristiċi ewlenin tas-sistema elettronika ta' pedaġġ, inkluż dwar l-interoperabbiltà;

(b) fir-rigward tal-arranġamenti ta' pedaġġi li jinvolvu konċessjoni ta' pedaġġi:

(i) il-kuntratti ta' konċessjoni jew bidliet sinifikanti għal dawn il-kuntratti;

(ii) il-każ bażilari li fuqu min ikun ta l-konċessjoni jkun sejjes in-notifika ta' konċessjoni, kif imsemmi fl-Anness VII B għad-Direttiva 2004/18/KE fuq

kordinazzjoni ta’ proċeduri għall-għoti ta’ kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi:

Iżda l-każ bażilari għandu jinkludi l-istima tal-ispejjeż kif definit fir-regolament 10(1) prevista skont il-konċessjoni, it-traffiku previst, diviża skont it-tip ta’ vettura, il-livelli ta’ pedaġġi previsti u l-firxa ġeografika tan-network kopert mill-kuntratt ta’ konċessjoni.

(2) Meta tibgħat informazzjoni lill-Kummissjoni skont is-subregolament (1), l-Awtorità tista’ tinkludi informazzjoni dwar aktar minn emenda waħda (1) ta’ arranġament għal tariffi ta’ pedaġġi għall-infrastruttura.

(3) Fejn il-Kummissjoni tkun diġà ġiet infurmata dwar xi emenda, l-Awtorità għandha titqies li diġà ssodisfat ir-rekwiżiti ta' informazzjoni stipulati fis-subregolament (1) u dik l-emenda tista’ tiġi implimentata mingħajr ma l-Kummissjoni tiġi infurmata ulterjorment.

(4) Qabel l-implimentazzjoni ta’ tariffa għall-ispejjeż esterni jew arranġament ta’ pedaġġi għal tariffa tal-konġestjoni ġdida jew sostanzjalment emendata, l-Awtorità għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar in-network ikkonċernat, ir-rati għal kull kategorija ta' vettura u l-klassi tal-emissjonijiet li huma previsti u fejn japplika, għandha tinnotifika lill-Kummissjoni skont il-partita 2 tat-Tieni Skeda jew il-partita 2 tas-Seba’ Skeda.

(5) L-Awtorità ma għandhiex tipprovdi roħs jew tnaqqis lill-ebda utent relatat mal-element tat-tariffa għall-ispiża esterna ta' pedaġġ.

(6) L-Awtorità tista' tipprovdi għal roħs jew tnaqqis fuq it-tariffa għall-infrastruttura bil-kundizzjoni li:

(a) l-istruttura għat-tariffi li tirriżulta tkun proporzjonata, reża pubblika b’mod miftuħ u disponibbli għall-utenti b’termini ugwali u ma twassalx għal spejjeż addizzjonali li jiġu mgħoddija lil utenti oħrajn fl-għamla ta’ pedaġġi ogħla;

(b) dan ir-roħs jew tnaqqis jirrifletti l-iffrankar effettiv fl-ispejjeż amministrattivi tat-trattament ta’ utenti frekwenti meta mqabbla mal-utenti okkażjonali; u

(ċ) it-tnaqqis ma jeċċedix it-tlettax fil-mija (13%) tat-tariffa għall-infrastruttura mħallsa minn vetturi ekwivalenti li mhumiex eliġibbli għar-roħs jew għat-tnaqqis.

(7) L-Awtorità tista’ tipprodvi għal roħs jew tnaqqis fit-tariffa

għall-infrastruttura għall-karozzi tal-passiġġieri għall-utenti frekwenti, b'mod partikolari f'żoni ta' residenza dispersi u fil-periferiji tal-ibliet.

(8) Tnaqqis fid-dħul minħabba roħs mogħti lil utenti frekwenti ma għandux jiġi impost fuq utenti inqas frekwenti.

(9) Kif soġġett għall-kondizzjonijiet ipprovduti fir-regolament 5(9)(b) u (13), ir-rati tal-pedaġġi għal proġetti kbar tan-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni li l-mapep tagħhom huma identifikati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, jistgħu jkunu soġġetti għal forom oħrajn ta' varjazzjoni sabiex tiġi żgurata l-vijabilità kummerċjali ta' dawn il-proġetti meta dawn ikunu esposti għal kompetizzjoni diretta ma' mezzi oħrajn ta' trasport. L-istruttura għat-tariffi li tirriżulta għandha tkun lineari u proporzjonata. Id-dettalji tagħha għandhom isiru pubbliċi u għandhom ikunu disponibbli għall-utenti kollha b'termini ugwali. Dan ma għandux iwassal sabiex l-ispejjeż addizzjonali jgħaddu għand utenti oħrajn fl-għamla ta' pedaġġi ogħla.

Applikazzjoni u ġbir ta' pedaġġi u t-tariffi għall-utent.

12. (1) Il-pedaġġi u t-tariffi għall-utent għandhom jiġu applikati u miġbura mill-Awtorità u l-ħlas tagħhom immonitorjat b'tali mod li jikkawża l-inqas xkiel possibbli għaċ-ċirkolazzjoni libera tat-traffiku u biex jiġi evitat kwalunkwe kontroll jew verifika mandatorja fil-fruntieri ta' Malta. L-Awtorità għandha tikkoopera mal-entitajiet ta' kontroll ta' Stati Membri oħra għall-istabbiliment ta' metodi li jippermettu lill-utenti tat-toroq iħallsu l-pedaġġi u t-tariffi għall-utent erbgħa u għoxrin (24) siegħa kuljum, tal-inqas b'mod elettroniku jew mal-fruntiera jew f'punti tal-bejgħ ewlenin, bl-użu ta' mezzi komuni ta' ħlas, ġewwa u barra l-Istati Membri fejn ikunu applikati.

(2) L-Awtorità ma għandhiex tkun obbligata li tipprovdi punti ta' ħlas fiżiċi.

(3) L-Awtorità għandha tiżgura li l-arranġamenti għall-ġbir ta' pedaġġi u tariffi għall-utent ma għandhomx, b'mod finanzjarju jew b'xi mod ieħor, iqiegħdu lil dawk li ma jużawx in-network tat-toroq regolarment fi żvantaġġ mhux ġustifikat.

(4) B'mod partikolari, fejn l-Awtorità tiddeċiedi li tiġbor pedaġġi jew tariffi għall-utent esklussivament permezz ta' sistema li teħtieġ l-użu ta' unità abbord il-vettura, għandha tiżgura li l-utenti kollha jkunu jistgħu jiksbu unitajiet adatti li jintużaw abbord u konformi mar-rekwiżiti tar-Regolamenti dwar l-Interoperabbilità ta' Sistemi Elettroniċi għall-Ħlas ta' Taxxi għall-Użu ta' Toroq skont arranġamenti amministrattivi u ekonomiċi raġonevoli.

L.S. 65.29.

(5) Fejn xufier jew, fejn xieraq, l-operatur tat-trasport jew il-

fornitur tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS), ma jkunx jista' jipprovdi prova tal-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura għall-finijiet tar-regolamenti 5(11) u (12), 9 jew 10, l-Awtorità tista' tapplika pedaġġi jew tariffi għall-utent sal-ogħla livell li jista' jintalab ħlas għalih.

(6) L-Awtorità għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li l-utent tat-triq ikun jista' jiddikjara l-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura tal-anqas permezz ta' mezzi elettroniċi qabel ma juża l-infrastruttura u tista' toffri mezzi elettroniċi, u mhux elettroniċi sabiex tippermetti lill-utent jipproduċi prova sabiex jibbenefika mit-tnaqqis tal-pedaġġi jew, fejn xieraq, fil-każ ta' verifika.

(7) L-Awtorità tista' tirrikjedi li l-prova prodotta permezz ta' mezzi elettroniċi tiġi pprovduta qabel ma tintuża l-infrastruttura.

(8) L-Awtorità tista' tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li l-għoti ta' prova sussegwenti għall-użu tal-infrastruttura tiġi aċċettata għal tletin (30) jum jew perjodu itwal determinat mill-Awtorità wara l-użu tal-infrastruttura u sabiex jiġi żgurat ir-rimborż ta' kwalunkwe differenza bejn il-pedaġġi jew it-tariffi għall-utent applikati u l-pedaġġ jew it-tariffa għall-utent li tikkorrispondi għall-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura kkonċernata li tirriżulta mill-prova pprovduta fil-limitu ta' żmien applikabbli.

(9) Fejn l-Awtorità timponi pedaġġ fuq vettura, l-ammont totali tal-pedaġġ, l-ammont tat-tariffa għall-infrastruttura, l-ammont tat-tariffa għall-ispejjeż esterni u l-ammont tat-tariffa tal-konġestjoni, fejn jiġu applikati, għandhom jiġu indikati f'irċevuta pprovduta lill-utent tat-triq, fejn possibbli b'mezzi elettroniċi. L-utent tat-triq jista' jaqbel li ma jingħatax l-irċevuta.

(10) Fejn ikun ekonomikament fattibbli, l-Awtorità għandha timponi u tiġbor tariffi għall-infrastruttura, tariffi għall-ispejjeż esterni u t-tariffi tal-konġestjoni permezz ta' sistema elettronika ta' pedaġġ li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/520.

Monitoraġġ tal-pedaġġi u t-tariffi għall-utent.

13. L-Awtorità għandha tissorvelja s-sistema ta' pedaġġi u, jew ta' tariffi għall-utent oħra sabiex jiġi żgurat li din taħdem b'mod trasparenti u bla ma tkun diskriminatorja.

L-użu tad-dħul iġġenerat.

14. L-Awtorità għandha tiddetermina l-użu tad-dħul iġġenerat minn dawn ir-regolamenti. Sabiex in-network kollu tat-trasport ikun jista' jiġi żviluppat, id-dħul mit-tariffi għall-infrastruttura u l-ispejjeż esterni, jew l-ekwivalenti tagħhom f'valur finanzjarju ta' dan id-dħul għandhom jintużaw għall-benefiċċju tas-settur tat-trasport u sabiex ikun jista' jsir l-aħjar użu mis-sistema kollha tat-trasport. B'mod

partikolari, id-dħul iġġenerat mit-tariffi tal-ispejjeż esterni, jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul, għandu jintuża sabiex irendi t-trasport aktar sostenibbli, inkluż dawn li ġejjin:

(a) jiġi ffaċilitat l-ipprezzar effiċjenti;

(b) jitnaqqas it-tniġġis tat-trasport bit-triq fis-sors;

(ċ) jiġu mitigati l-effetti tat-tniġġis tat-trasport bit-triq fis-sors;

(d) jittejjeb ir-rendiment tas-CO_2 u l-enerġija tal-vetturi;

(e) tiġi żviluppata infrastruttura alternattiva għall-utenti tat-trasport u, jew il-kapaċità attwali li qiegħda tespandi;

(f) jingħata appoġġ lin-network trans-Ewropew tat-trasport;

(g) isir l-aħjar użu mil-loġistika;

(h) tittejjeb is-sikurezza fit-toroq; u, jew

(i) jiġu pprovduti postijiet tal-parkeġġ sikuri.

Rapport pubbliku ta' pedaġġi aggregati u tariffi għall-utent.

15. (1) Sal-25 ta' Marzu 2025, u sussegwentement kull ħames (5) snin, l-Awtorità għandha tippubblika f'forma aggregata rapport dwar il-pedaġġi u t-tariffi għall-utent imposti fit-territorju Malti.

(2) Ir-rapport ippubblikat skont is-subregolament (1) għandu jinkludi informazzjoni dwar:

(a) l-evoluzzjoni tat-tariffi għall-użu tal-infrastruttura tat-toroq, jiġifieri n-networks u l-kategoriji tal-vetturi koperti, inkluż kwalunkwe eżenzjoni skont ir-regolamenti 3, 6(1) sa (4) jew 10(5) sa (12);

(b) il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura jew it-tariffi għall-utent skont il-kategorija tal-vettura u t-tip ta' vettura tqila;

(ċ) il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura jew tat-tariffi għall-utent skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi, skont ir-regolamenti 5(9) sa (13), 9 jew 10;

(d) fejn applikabbli, il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura skont il-ħin tal-jum, it-tip ta' jum, jew l-istaġun, skont ir-regolament 5(1) u (2);

(e) it-tariffa għall-ispejjeż esterni imposta għal kull kombinazzjoni ta' klassi ta' vetturi, tip ta' triq u perjodu ta' żmien;

(f) it-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura u d-dħul totali li jkun inġabar permezz tat-tariffa għall-infrastruttura;

(g) id-dħul totali ġġenerat mit-tariffi għall-ispejjeż esterni;

(h) id-dħul totali ġġenerat mit-tariffi tal-konġestjoni skont il-kategorija tal-vettura;

(i) id-dħul totali ġġenerat miż-żidiet marġinali u fuq liema sezzjonijiet tat-toroq ġew imposti;

(j) id-dħul totali ġġenerat mill-pedaġġi jew it-tariffi għall-utent, jew, fejn applikabbli, it-tnejn li huma;

(k) informazzjoni dwar l-użu tad-dħul iġġenerat permezz tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, u kif dan l-użu ppermetta lill-Awtorità tilħaq l-għanijiet imsemmija fir-regolament 14 jew, fejn tali dħul jiġi allokat għall-baġit ġenerali, informazzjoni dwar il-livell ta' nfiq allokat għall-infrastruttura tat-trasport bit-triq u proġetti tat-trasport sostenibbli; u

(l) l-evoluzzjoni tas-sehem tal-vetturi li jappartjenu għad-diversi klassijiet ta' emissjonijiet fuq toroq b'pedaġġ.

(3) Fil-każ li l-Awtorità tippubblika dik l-informazzjoni b'mod elettroniku, hija tista' tiddeċiedi li ma tħejjix ir-rapport.

Thassir u riżervi. L.S. 499.53.

16. Ir-Regolamenti dwar il-Ħlas ta' Taxxi għall-Użu ta' Toroq huma b'dawn imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.

L-EWWEL SKEDA

LIMITI TA' EMISSJONI

1. Vettura "EURO 0"

Massa ta' monossidu tal-karbonju (CO) g/kWh	Massa ta' idrokarboni (HC) g/kWh	Massa ta' ossidi tan-nitroġenu (NOx) g/kWh
12,3	2,6	15,8

2. Vetturi "EURO I"/"EURO II"

	Massa ta' monossidu tal-karbonju (CO) g/kWh	Massa ta' idrokarboni (HC) g/kWh	Massa ta' ossidi tan-nitroġenu (NOx) g/kWh	Massa ta' partikulati (PT) g/kWh
Vettura "EURO I"	4,9	1,23	9,0	0,4 (1)
Vettura "EURO II"	4,0	1,1	7,0	0,15

(1) Koeffiċjent ta' 1,7 huwa applikat għall-valur ta' limitu ta' emissjoni ta' partikulati fil-każ ta' magni b'rata ta' qawwa ta' 85 kW jew inqas.

3. Vetturi "EURO III"/"EURO IV"/"EURO V"/"EEV"

Il-mases speċifiċi ta' monossidu tal-karbonju, it-total ta' idrokarboni, l-ossidi tan-nitroġenu u l-partikulati, determinati bit-test ta' l-ESC u l-opaċità tal-gass ta' skariku, determinat mit-test ta' l-ERL, m'għandhomx jeċċedu l-valuri li ġejjin (1):

	Massa ta' monossidi tal-karbonju (CO) g/kWh	Massa ta' idro- karboni (HC) g/kWh	Massa ta' ossidi tan-nitroġenu (NOx) g/kWh	Massa ta' parti- kulati (PT) g/kWh	Gass ta' skariku m-1	Massa ta' monossidi tal-karbonju (CO) g/kWh
Vettura "EURO III"	2,1	0,66	5,0	0,10 (2)	0,8	2,1
Vettura "EURO IV"	1,5	0,46	3,5	0,02	0,5	1,5
Vettura "EURO V"	1,5	0,46	2,0	0,02	0,5	1,5
Vettura "EEV"	1,5	0,25	2,0	0,02	0,15	1,5

(1) Ċiklu ta' prova jikkonsisti f'sekwenza ta' punti ta' prova, kull punt definit minn veloċità u *torque* li l-magna trid tirrispetta fi
steady state (test ta' l-ESC) jew f'kondizzjonijiet ta' operazzjoni transitorja (prova ta' l-ETC u l-ELR).

(2) 0,13 għal magni li ċ-ċilindrata unitorja tagħhom hi inqas minn 0,7 dm^3 u l-veloċità nominali hi iktar minn 3 000 min^{-1}.

Limiti tal-Emissjonijiet Euro VI

	Valuri ta' limitu							
	CO (mg/kWh)	THC (mg/kWh)	NMHC (mg/kWh)	CH4 (mg/kWh)	NOX(1) (mg/kWh)	NH3 (ppm)	Massa ta' PM (mg/kWh)	Numru PM (#/kWh)
WHSC (CI)	1 500	130			400	10	10	$8,0 \times 10^{11}$
WHTC (CI)	4 000	160			460	10	10	$6,0 \times 10^{11}$

	Valuri ta' limitu							
	CO (mg/kWh)	THC (mg/kWh)	NMHC (mg/kWh)	CH4 (mg/kWh)	NOX(1) (mg/kWh)	NH3 (ppm)	Massa ta' PM (mg/kWh)	Numru PM (#/kWh)
WHTC (PI)	4 000		160	500	460	10	10	$6,0 \times 10^{11}$

Nota:

PI = Tqabbid bl-ispark.
CI = Tqabbid bil-kompressjoni.

(1) Il-livell ammissibbli tal-komponent NO_2 fil-valur ta' limitu ta' NO_x jista' jiġi definit fi stadju aktar tard.

4. Klassijiet ta' emmissjonijiet ta' vetturi fil-ġejjieni kif definit fid-Direttiva88/77/KEE u emendi sussegwenti jistgħu jiġu kkunsidrati.

IT-TIENI SKEDA

PRINĊIPJI ĊENTRALI GĦALL-ALLOKAZZJONI TA' L-ISPEJJEŻ U L-KALKOLU TAL-ĦLASIJIET GĦALL-UŻU TAT-TRIQ

Din l-Iskeda tistipula l-prinċipji ewlenin għall-kalkolu tat-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura biex jirrifletti l-r-Regolament 5(1). L-obbligu li t-tariffi għall-infrastruttura jkunu relatati mal-ispejjeż għandu jkun mingħajr preġudizzju għal-libertà tal-Istati Membri li jagħżlu, f'konformità mar-Regolament 5(2), li ma jirkuprawx l-ispejjeż għal kollox permezz tad-dħul mit-tariffi għall-infrastruttura, jew għal-libertà, f'konformtià mar-Regolamenti 5(5) sa (8), li jvarjaw l-ammonti ta' tariffi speċifiċi għall-infrastruttura mill-medja.

L-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għandha tkun għal kollox konsistenti ma' obbligi eżistenti oħra taħt il-liġi Unjonirja, b'mod partikolari l-ħtieġa li kuntratti ta' konċessjoni jingħataw skond id-Direttiva 2004/18/KE u strumenti Unjonirji oħra fil-qasam ta' l-akkwist pubbliku.

Fejn l-Awtorità Kompetenti tidħol f'negozjati ma' parti terza waħda jew iktar bil-ħsieb li jiġi stabbilit kuntratt ta' konċessjoni fir-rigward tal-kostruzzjoni jew it-tħaddim ta' parti mill-infrastruttura tiegħu, jew bil-ħsieb ta' dan il-għan, jidħol f'arranġament simili bbażat fuq leġiżlazzjoni nazzjonali jew fuq ftehim li jidħol fih il-Gvern ta' Stat Membru, il-konformità ma' dawn il-prinċipji għandha tiġi ġġudikata abbażi ta' l-eżitu ta' dawn in-negozjati.

1. Tifsira tas-Sistema tat-toroq u tal-vetturi koperti

— Fejn ma jkunx ser jiġi applikat arranġament uniku ta' ħlas għall-użu tat-triq għas-sistema tat-toroq kollha tat-TEN, l-Awtorità Kompetenti għandha tispeċifika b'mod preċiż il-parti jew il-partijiet tas-sistema tat-toroq li għandhom ikunu soġġetti għal arranġament ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq kif ukoll is-sistema li huwa juża biex jikklassifika l-vetturi għall-finijiet ta' varjaz- zjoni fil-ħlas għall-użu tat-triq. L-Awtorità Kompetenti għandha ukoll tispeċifika jekk hiex qed testendi l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema tagħha ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq sabiex ikunu koperti vetturi taħt il-limitu ta' 12-il tunnellata metrika.

— Fejn l-Awtorità Kompetenti tagħżel li tadotta linji politiċi differenti fir-rigward ta' kif tirkupra l-ispejjeż għal partijiet differenti tas-sistema tat-toroq (kif permess taħt ir-Regolament 5(2)), kull parti definita b'mod ċar tas-sistema tat-toroq għandha tkun soġġetta għal kalkolu separat ta' l-ispejjeż. L-Awtorità Kompetenti tista' tagħżel li taqsam is-sistema tat-toroq f'numru ta' partijiet definiti b'mod ċar sabiex jistabbilixxi arranġamenti ta' konċessjoni separati jew simili għal kull parti.

2. Spejjeż ta' infrastruttura

2.1 Spejjeż ta' l-investiment

— L-ispejjeż ta' l-investiment għandhom jinkludu l-ispejjeż tal-kostruzzjoni (inkluż l-ispejjeż finanzjarji) u l-ispejjeż ta' l-iżvilupp ta' l-infrastruttura biż-żieda, fejn xieraq, ta' dħul fuq l-investiment kapitali jew marġni ta' qligħ. Għandhom ukoll ikunu inklużi l-ispejjeż ta' l-akkwist ta' l-art, l-ippjanar, id-disinn, is-superviżjoni ta' kuntratti ta' kostruzzjoni u l-am- ministrazzjoni tal-proġett, u ta' investigazzjonijiet arkeoloġiċi u ta' l-art, kif ukoll spejjeż inċidentali rilevanti oħra.

— L-irkupru ta' l-ispejjeż tal-kostruzzjoni għandu jkun ibbażat jew fuq il-perjodu ta' ħajja mistennija ta' l-infrastruttura jew fuq perjodu ieħor ta' ammortizzazzjoni (li ma jkunx anqas minn 20 sena) li jista' jitqies xieraq għal raġunijiet ta' finanzjament permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni jew b'mod ieħor. It-tul tal-perjodu ta' ammortizzazzjoni jista' jkun fattur varjabbli importanti fin-negozjati dwar l-istabbiliment ta' kuntratti ta'konċessjoni, b'mod partikolari jekk l-Awtorità Kompetenti tixtieq, bħala parti mill-kuntratt, tistabbilixxi limitu massimu fir-rigward tal-ħlas medju ppeżat għall-użu tat-triq applikabbli.

— Bla preġudizzju għall-kalkolu ta' l-ispejjeż ta' investiment, l-irkuprar ta' l-ispejjeż jista':

— jitqassam indaqs tul il-perjodu ta' ammortizzazzjoni jew jiġi kkon- ċentrat fuq is-snin tal-bidu, tan-nofs jew lejn l-aħħar, dment li tali konċentrazzjoni titwettaq b'mod trasparenti;

— jipprovdi għall-indiċjar tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq tul il-perjodu ta' ammortizzazzjoni.

— L-ispejjeż kollha ta' l-imgħoddi għandhom ikunu bbażati fuq l-ammonti mħallsa. L-ispejjeż li għad iridu jsiru jkunu bbażati fuq previżjonijiet raġonevoli ta' l-ispejjeż.

— L-investiment tal-gvern jista' jitqies li huwa self finanzjarju. Ir-rata ta' imgħax li tiġi applikata lill-ispejjeż ta' l-imgħoddi għandha tkun ir-rati li applikaw għas-self tal-gvern matul dak il-perjodu.

— L-ispejjeż għandhom jitqassmu għal vetturi tqal fuq bażi oġġettiva u trasparenti billi jitqies il-proporzjon ta' traffiku ta' vetturi tqal li għandu jiċċirkola fuq in-network u l-ispejjeż marbuta ma' dan. L-għadd ta' kilometri tal-vettura mwettqa minn vetturi tqal jista' għal dan l-għan jiġi aġġustat b'fatturi ta' ekwivalenza" ġustifikati oġġettivament bħal dawk stabbiliti fil-punt 4[1(1)].

— Provvediment għal stima tad-dħul fuq il-kapital jew il-marġni ta' qligħ għandu jkun raġonevoli fid-dawl tal-kondizzjonijiet tas-suq u jista' jiġi varjat bl-iskop li jipprovdi inċentivi ta' rendiment għal parti terza kontraenti fir-rigward tar-rekwiżiti tal-kwalità tas-servizzi. Id-dħul fuq il-kapital għandu jiġi stmat bl-użu ta' indikaturi ekonomiċi bħall-IRR (rata ta' dħul intern fuq l-investiment) jew il-WACC (spejjeż medji ppeżati tal-kapital).

[1] L-applikazzjoni ta' fatturi ta' ekwivalenza mill-Awtorità kompetenti tista' tqis il-kostruzzjoni tat-toroq żviluppata fuq bażi ta' fażijiet jew bl-użu ta' approċċ ta' ċiklu ta' ħajja twil

2.2. *Spejjeż annwali ta' manutenzjoni u spejjeż ta' tiswija strutturali*

— — Dawn l-ispejjeż għandhom jinkludu kemm l-ispejjeż annwali tal-manu- tenzjoni tas-sistema tat-toroq kif ukoll l-ispejjeż perjodiċi relatati mat-tiswija, it-tisħiħ u l-kisi mill-ġdid, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-livell tal-funzjonalità operattiva tas-sistema tat-toroq tinżamm matul iż-żmien.

— — Dawn l-ispejjeż għandhom jitqassmu bejn il-vetturi tqal u traffiku ieħor abbażi ta' ishma reali u mbassra ta' kilometri tal-vettura u jistgħu jiġu aġġustati b'fatturi ta' ekwivalenza ġustifikati b'mod oġġettiv bħal dawk imniżżla fil-punt 4.

3. Spejjeż operattivi, ta' ġestjoni u ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq

Dawn l-ispejjeż għandhom jinkludi l-ispejjeż kollha li jsiru mill-operatur ta' l-infrastruttura li m'humiex koperti taħt is-Sezzjoni 2 u li huma relatati ma' l-implimentazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' l-infrastruttura u tas-sistema ta' ħlas għall-użu tat-triq. B'mod partikolari dawn għandhom jinkludu:

— l-ispejjeż ta' kostruzzjoni, l-istabbiliment u ż-żamma ta' kabini għall-ħlasta' ħlasijiet għall-użu tat-triq u sistemi ta' pagament oħra

— l-ispejjeż ta' kuljum ta' l-operazzjoni, l-amministrazzjoni u l-infurzar tas-sistema ta' ġbir tal-ħlas għall-użu tat-triq;

— miżati u ħlasijiet amministrattivi relatati ma' kuntratti ta' konċessjoni;

— spejjeż ta' ġestjoni, amminstrazzjoni u servizz relatati ma' l-operazzjonita' l-infrastruttura.

L-ispejjeż jistgħu jinkludu ritorn fuq kapital jew marġni ta' qligħ li jirriflettu l-grad ta' riskju trasferit.

Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu diviżi skond bażi ġusta u trasparenti bejn il-klassijiet kollha ta' vetturi li huma soġġetti għas-sistema ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq.

4. Is-sehem ta' traffiku ta' vetturi tqal, il-fatturi ta' ekwivalenza u l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni

— Il-kalkolu tal-pedaġġi għandu jkun ibbażat fuq ishma reali jew imbassra ta' kilometri tal-vettura vvjaġġati minn vetturi tqal, aġġustati, jekk mixtieq, b'fatturi ta' ekwivalenza, biex titqies kif xieraq iż-żieda fl-ispejjeż tal-kostruzzjoni u tat-tiswija tal-infrastruttura għall-użu ta' vetturi tqal.

— It-tabella li ġejja tagħti sett ta' fatturi ta' ekwivalenza indikattivi. Fejn l-Awtorità Kompetenti juża fatturi ta' ekwivalenza bi proporzjonijiet li huma differenti minn dawk fit-tabella, huma għandhom ikunu bbażati fuq kriterji ġustifikabbli b'mod oġġettiv u għandhom isiru pubbliċi.

Klassi tal-vettura [1]	Fatturi ta' ekwivalenza		
	Tiswija strutturali [2]	Investimenti	Manutenzjoni annwali
Bejn 3,5 t u 7,5 t, Klassi 0	1	1	1
> 7,5 t, Klassi I	1,96	1	1
> 7,5 t, Klassi II	3,47	1	1
> 7,5 t, Klassi III	5,72	1	1

(1) Ara l-Anness IV li jindika l-klassijiet tal-vetturi.
(2) Il-klassijiet tal-vetturi jikkorrispondu mat-toqol tal-fusien ta' 5,5; 6,5; 7,5 u 8,5 tunnellati rispettivament.

— Arranġamenti ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq li huma bbażati fuq livelli ta' traffiku mbassra għandhom jipprovdu għal mekkaniżmu ta' korrezzjoni li permezz tiegħu ħlasijiet għall-użu tat-triq huma aġġustati perjodikament biex jitranġa kwalunkwe rkupru nieqes jew żejjed ta' spejjeż minħabba żbalji ta' tbassir.

IT-TIELET SKEDA

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-IMPOŻIZZJONI TA' TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ ESTERNI

Din l-Iskeda tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-impożizzjoni ta' tariffa għall-ispejjeż esterni u, fejn applikabbli, għall-kalkolu tat-tariffa massima għall-ispejjeż esterni.

1. Il-partijiet tan-network tat-toroq ikkonċernati

L-Awtorità Kompetenti għandha tispeċifika b'mod preċiż il-parti jew il-partijiet tan-network tat-toroq li għandhom ikunu soġġetti għal tariffa għall-ispejjeż esterni.

Fejn l-Awtorità Kompetenti tkun beħsieba timponi tariffa għall-ispejjeż esterni fuq parti waħda jew fuq xi partijiet biss tan-network tat-toroq fin-network trans-Ewropew tat-trasport u l-awtostradi, il-parti jew il-partijiet għandhom jintgħażlu wara valutazzjoni li tistabbilixxi li l-impożiz- zjoni ta' tariffa għall-ispiża esterna fuq partijiet oħrajn tan-network tat-toroq ta' dan it-tip jista' jkollha effetti negattivi fuq l-ambjent jew is-sikurezza fit-toroq.

Mill-25 ta' Marzu 2026, jekk l-Awtorità Kompetenti tkun biħsieba ma timponix tariffa għall-ispejjeż esterni għat-tniġġis tal-arja fuq sezzjonijiet speċifiċi tan-network tat-toroq b'pedaġġi, għandha tagħżel ukoll dawk is-sezzjonijiet abbażi ta' valutazzjoni bħal din.

2. Il-vetturi, it-toroq u l-perjodu ta' żmien kopert

Fejn l-Awtorità Kompetenti tkun biħsieba tapplika tariffi oġħla għall-ispejjeż esterni mill-valuri ta' referenza speċifikati fir-Raba'-Skeda jew fil-Ħames Skeda, hi għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-vetturi li skontha jvarjaw it-tariffi għall-ispejjeż esterni. Fejn applikabbli, għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-lok ta' toroq soġġetti għal tariffi oġħla għall-ispejjeż esterni ("toroq suburbani (inkluż l-awtostradi)"), u ta' toroq soġġetti għal tariffi aktar baxxi għall-ispejjeż esterni ("toroq interur- bani (inkluż l-awtostradi)").

Fejn applikabbli, hi għandha tinnotifika wkoll lill-Kummissjoni dwar il-perjodi ta' żmien eżatti li jikkorrispondu għall-perjodu ta' billejl li matulu tista' tiġi imposta tariffa esterna oġħla għall-istorbju biex tirrifletti fastidji akbar ta' storbju.

Il-klassifikazzjoni tat-toroq bħala toroq suburbani (inkluż l-awtostradi) u toroq interurbani (inkluż l-awtostradi), u d-definizzjoni tal-perjodi ta' żmien għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi relatati mal-livell ta' esponiment tat-toroq u l-viċinanzi tagħhom għat-tniġġis bħad-densità tal-popolazzjoni, il-medja annwali tat-tniġġis tal-arja (b'mod partikolari għal PM_{10} u NO_2) u jinqabeż l-għadd ta' jiem (għal PM_{10}) u sigħat (għal NO_2) li fih l-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva 2008/50/KE. Il-kriterji użati għandhom jiġu inklużi fin-notifika.

3. Ammont tat-tariffa

Din it-taqsima għandha tapplika fejn l-Awtorità Kompetenti tkun biħsieba tapplika tariffi oġħla għall-ispejjeż esterni mill-valuri ta' referenza speċifikati fir-Raba' Skeda jew fil-Ħames Skeda.

Għal kull klassi ta' vettura, tip ta' triq u perjodu ta' żmien, kif applikabbli, l-Awtorità Kompetenti għandha tiddetermi ammont wieħed speċifiku. L-istruttura tat-tariffi li tirriżulta għandha tkun trasparenti, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha fuq termini ugwali. Jeħtieġ li l-pubblikazzjoni ssir f'waqtha u qabel l-implimentazzjoni. Għandhom jiġu ppubblikati l-parametri kollha, id-data u infor- mazzjoni oħra meħtieġa biex jinftiehem kif jiġu kkalkolati l-elementi varji tal-ispiża esterna.

Fl-istabbiliment tat-tariffi, l-Awtorità Kompetenti għandha tkun ggwidata mill-prinċipju tal-ipprezzar effiċjenti jiġifieri prezz li jkun qrib l-ispiża marġinali soċjali tal-użu tal-vettura li fuqha tiġi imposta t-tariffa.

It-tariffa għandha tkun stabbilita wara li jkun ġie kkunsidrat ir-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku flimkien ma' kwalunkwe effett negattiv fuq is-siku- rezza fit-toroq, l-ambjent u l-konġestjoni, u kwalunkwe soluzzjoni biex jittaffew dawn ir-riskji.

L-Awtorità Kompetenti għandha timmonitorja l-effikaċja tal-iskema li timponi t-tariffi fit-tnaqqis tal-ħsara ambjentali li tirriżulta mit-trasport bit-triq. Fejn xieraq, kull sentejn huwa għandu jaġġusta l-istruttura li timponi t-tariffi u l-ammont speċifiku tat-tariffa stabbilita għal klassi partikolari ta' vettura, tip ta' triq u perjodu ta' żmien skont il-bidliet fil-provvista u fid-domanda tat-trasport.

4. Elementi tal-ispiża esterna

4.1. Spiża għat-tniġġis tal-arja mit-traffiku

Fejn l-Awtorità Kompetenti jkollha l-intenzjoni li tapplika tariffi oġħla għall-ispejjeż esterni meta mqabbel mal-valuri ta' referenza speċifikati fir-Raba' Skeda, l-Awtorità Kompetenti għandha tikkalkula l-ispiża li għandha tiġi imposta għat-tniġġis tal-arja minħabba t-traffiku billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

$$PCV_{ij} = \Sigma_k \, EF_{ik} \times PC_{jk}$$

fejn:

— PCV_{ij} = l-ispiża tat-tniġġis tal-arja ta' vettura tal-klassi i fuq tip ta' triqj (euro/kilometru ta' vettura)

— EF_{ik} = il-fattur ta' emissjoni tas-sustanza niġġiesa k u l-klassi ta'vettura i (gramma/kilometru ta' vettura)

— PC_{jk} = l-ispiża monetarja tas-sustanza niġġiesa k għal tip ta' triq j(euro/gramma)

Il-fatturi tal-emissjoni għandhom ikunu l-istess bħal dawk użati mill-Awtorità responsabbli f'Malta biex tistabbilixxi l-inventarji nazzjonali dwar l-emissjonijiet previsti fid-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] (li jeħtieġu l-użu tal-EMEP/EEA air pollutant emission inventory guidebook[3]) L-ispiża monetarja tas-sustanzi niġġiesa għandha tiġi stmata mill-Awtorità responsabbli f'Malta, permezz ta' metodi pprovati xjentifikament.

L-Awtorità responsabbli f'Malta, tista' tapplikaw metodi alternattivi pprovati xjentifikament biex jiġi kkalkolat il-valur tal-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja bl-użu ta' data mill-kejl tas-sustanzi li jniġġsu l-arja u l-valur lokali tal-ispiża monetarja tas-sustanzi li jniġġsu l-arja.

(1) [2] Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1)

(2) [3] Metodoloġija tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent: EMEP/EEA air pollutant emission inventory guidebook 2019 – Technical guidance to prepare national emission inventories http://www.eea.europa.eu//publications/emep-eea-guidebook-2019).

4.2. Spiża għat-tniġġis mill-istorbju mit-traffiku

Meta l-Awtorità Kompetenti jkolla l-intenzjoni li tapplika tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni meta mqabbel mal-valuri ta' referenza speċifikati fir-Raba' Skeda, l-Awtorità Kompetenti, għandha tikkalkula l-ispiża li għandha tiġi imposta għat-tniġġis mill-istorbju minħabba t-traffiku billi jiġu applikati l-formuli li ġejjin:

$$NCV_j\ (daily) = e \times \Sigma_k\ NC_{jk} \times POP_k/WADT$$

$$NCV_j\ (day) = a \times NCV_j$$

$$NCV_j\ (night) = b \times NCV_j$$

fejn:

— NCV_j = l-ispiża għall-istorbju ta' vetturi tqal tal-merkanzija fuq tip ta' triq j (euro/kilometru tal-vettura)

— NC_{jk} = l-ispiża għall-istorbju għal kull persuna esposta fuq tip ta' triq j sa livell ta' storbju k (euro/persuna)

— POP_k = il-popolazzjoni esposta għal livell ta' storbju k kuljum għal kull kilometru (persuna/kilometru)

— WADT = il-medja ponderata tat-traffiku ta' kuljum (ekwivalenti għal karozzi tal-passiġġieri)

— a u b = huma fatturi ponderati determinati mill-Istat Membru b'tali mod li t-tariffa medja ponderata li tirriżulta għall-istorbju għal kull kilometru ta' vettura tikkorrispondi għal NCVj (kuljum).

It-tniġġis mill-istorbju mit-traffiku hu relatat mal-impatt tal-istorbju fuq is-saħħa taċ-ċittadini tal-madwar tat-triq.

Il-popolazzjoni esposta għal-livell tal-istorbju k għandha tittieħed mill-mapep strateġiċi tal-ħsejjes abbozzati skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], jew sors ta' data ekwivalenti ieħor.

L-ispiża għal kull persuna esposta għal-livell ta' storbju k għandha tiġi stmata mill-Awtorità Kompetenti bl-użu ta' metodi pprovati xjentifikament.

Il-medja ponderata tat-traffiku ta' kuljum għandha tassumi fattur ta' ekwivalenza "e" bejn vetturi tqal tal-merkanzija u karozzi tal-passiġġieri fuq il-bażi tal-livelli ta' emissjonijiet ta' storbju tal-karozza medja u tal-vetturi tqal medji tal-merkanzija, filwaqt li jitqies ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

L-Awtorità Kompetenti tista' tistabbilixxi tariffi differenzjati tal-istorbju biex jiġi ppremjat l-użu ta' vetturi aktar silenzjużi, jekk dan ma jirriżultax f'diskriminazzjoni kontra vetturi barranin.

4.3. Spiża għal emissjonijiet ta' CO_2 mit-traffiku

Fejn l-Awtorità Kompetenti jkollha l-intenzjoni li tapplika tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO_2 ogħla mill-valuri ta' referenza stabbiliti fil-Ħames Skeda għandu jsir kalkolu minn dik l-Awtorità Kompetenti tal-ispiża li tista' tiġi imposta abbażi ta' evidenzaxjentifika bl-użu tal-approċċ tal-ispejjeż tal-evitar, filwaqt li jitqiesu u jkunu spjegati, b'mod partikolari, l-aspetti li ġejjin:

(a) l-għażla tal-livell ta' emissjonijiet fil-mira;
(b) stima tal-għażliet għall-mitigazzjoni;
(c) stima tax-xenarju ta' referenza;
(d) averżjoni għar-riskju u għat-telf;
(e) ippeżar tal-ekwità.

Tal-anqas sitt xhur qabel l-implimentazzjoni ta' tali tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO2, l-Awtorità Kompetenti għandha tinnotifikaw lill-Kummissjoni.

IR-RABA' SKEDA

VALURI TA' REFERENZA TAT-TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ ESTERNI

Din l-Iskeda tistipula l-valuri ta' referenza tat-tariffi għall-ispejjeż esterni, inklużl-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju

Tabella 1

Valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-vetturi tqal tal-merkanzija

[4] Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwarda l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12);

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131).

Klassi tal-vettura	ċenteżmu/kilometru ta' vettura	Suburbani (1)	Interurbani (2)
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli inqas minn 12-il tunnellata jew li għandhom żewġ fusien	Euro 0	18,6	9,9
	Euro I	12,6	6,4
	Euro II	12,5	6,3
	Euro III	9,6	4,8
	Euro IV	7,3	3,4
	Euro V	4,4	1,8
	Euro VI	2,3	0,5
	Iniġġsu inqas minn Euro VI, inkluż vetturi b'emissjonijiet żero	2,0	0,3
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli bejn 12 u 18-il tunnellata jew li għandhom tliet fusien	Euro 0	24,6	13,7
	Euro I	15,8	8,4
	Euro II	15,8	8,4
	Euro III	12,5	6,6
	Euro IV	9,2	4,5
	EURO V	5,6	2,7
	Euro VI	2,8	0,7
	Iniġġsu inqas minn EURO VI, inklużvetturi b'emissjonijiet żero	2,3	0,3
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli bejn 18 u 32 tunnellata jew li għandhom erba' fusien	Euro 0	27,8	15,8
	Euro I	20,4	11,3
	Euro II	20,4	11,2
	Euro III	16,3	8,9
	Euro IV	11,8	6,0
	Euro V	6,6	3,4
	Euro VI	3,1	0,8
	Iniġġsu inqas minn Euro VI, inkluż vetturi b'emissjonijiet żero	2,5	0,3
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli iktar minn 32 tunnellata jew li għandhom 5 fusien jew aktar	Euro 0	33,5	19,4
	Euro I	25,0	14,1
	Euro II	24,9	13,9
	Euro III	20,1	11,1
	Euro IV	14,2	7,5
	Euro V	7,6	3,8
	Euro VI	3,4	0,8
	Iniġġsu inqas minn Euro VI, inkluż vetturi b'emissjonijiet żero	2,8	0,3

(1) "Suburbani" tfisser żoni b'densità tal-popolazzjoni ta' bejn 150 u 900 abitant/km^2 (densità medjana tal-popolazzjoni ta' 300 abitant/km^2).

(2) "Interurbani" tfisser żoni b'densità tal-popolazzjoni inqas minn 150 abitant/km^2.

Il-valuri tat-Tabella 1 jistgħu jiġu mmultiplikati b'fattur ta' 2 jew inqas f'żoni muntanjużi u madwar l-agglomerazzjonijiet sa fejn dan ikun ġustifikat minn dispersjoni aktar baxxa, l-inklinazzjoni tat-toroq, l-altitudni jew l-inverżjonijiet tat-temperatura. Jekk ikun hemm evidenza xjentifika għal fattur akbar għaż-żoni muntanjużi jew għall-agglomerazzjonijiet, dan il-valur ta' referenza jista' jiżdied abbażi ta' ġustifikazzjoni dettaljata.

IL-HAMES SKEDA

VALURI TA' REFERENZA TAT-TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ ESTERNIGĦALL-EMISSJONIJIET TA' CO_2

Din l-Iskeda jistipula l-valuri ta' referenza tat-tariffi għall-ispejjeż esterni filwaqtli jitqiesu l-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' CO_2.

Tabella 1

Valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO_2 għall-vetturi tqal tal-merkanzija

Klassi tal-vettura		ċenteżmu/kilometru ta' vettura	Toroq interurbani (inkluż l-awtostradi)
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhommassa massima mgħobbija teknikament permissibbli inqas minn 12-il tunnellata jew li għandhom żewġ fusien	Klassi 1 ta' emissjonijiet ta' CO_2	Euro 0	4,5
		Euro I Euro II Euro IIIEuro IVEuro V Euro VI	4,0
	Klassi 2 ta' emissjonijiet ta' CO_2		3,8
	Klassi 3 ta' emissjonijiet ta' CO_2		3,6
	Vetturi b'emissjonijiet baxxi		2,0
	Vetturi b'emissjonijiet żero		0
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhommassa massima mgħobbija teknikament permissibbli bejn 12 u 18-il tunnellata jew li għandhom tliet fusien	Klassi 1 ta' emissjonijiet ta' CO_2	Euro 0	6,0
		Euro I Euro II Euro III	5,2
		Euro IVEuro V Euro VI	5,0
	Klassi 2 ta' emissjonijiet ta' CO_2		4,8
	Klassi 3 ta' emissjonijiet ta' CO_2		4,5
	Vetturi b'emissjonijiet baxxi		2,5
	Vetturi b'emissjonijiet żero		0
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhommassa massima mgħobbija teknikament permissibbli bejn 18 u 32 tunnellata jew li għandhom erba' fusien	Klassi 1 ta' emissjonijiet ta' CO_2	Euro 0	7,9
		Euro I	6,9
		Euro II	
		Euro III	
		Euro IV	6,7
		Euro V	
		Euro VI	
	Klassi 2 ta' emissjonijiet ta' CO_2		6,4
	Klassi 3 ta' emissjonijiet ta' CO_2		6,0
	Vetturi b'emissjonijiet baxxi		3,4
	Vetturi b'emissjonijiet żero		0
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhommassa massima mgħobbija teknikament permissibbli iktar minn 32 tunnellata jew li għandhom 5 fusien jew aktar	Klassi 1 ta' emissjonijiet ta' CO_2	Euro 0	9,1
		Euro I	8,1
		Euro II	
		Euro III	
		Euro IV	8,0
		Euro V	
		Euro VI	
	Klassi 2 ta' emissjonijiet ta' CO_2		7,6
	Klassi 3 ta' emissjonijiet ta' CO_2		7,2
	Vetturi b'emissjonijiet baxxi		4,0
	Vetturi b'emissjonijiet żero		0

IS-SITT SKEDA

INDIKAZZJONI TAL-KLASSIJIET TAL-VETTURI

Il-klassijiet tal-vetturi huma mfissra bit-tabella hawn taħt.

Il-vetturi huma klassifikati f'subkategoriji 0, I, II u III skond il-ħsara li jagħmlu lill-wiċċ tat-triq, f'ordni axxendenti (il-Klassi III hi għalhekk il-kategorija li tagħmel l-aktar ħsara lill-infrastruttura tat-triq). Il-ħsara tiżdied b'mod esponenzjali biż-żieda fil-piż tal-fus.

Il-vetturi bil-mutur kollha u t-taħlitiet tal-vetturi b'piż massimu permissibbli meta mgħobbija taħt is-7,5 tunnellati jagħmlu part mill-klassi ta' ħsara 0.

Vetturi bil-mutur

Fusien tas-sewqan mgħammra b'sospensjoni ta' l-arja jew l-ekwivalenti rikonoxxut [1]		Fusien tas-sewqan mgħammra b'sistemi oħra ta'sospensjoni		Klassi ta' ħsara
Numru ta' fusien u piż gross massimu permissibbli meta mgħobbija (f'tunnellati)		Numru ta' Fusien u piż gross massimu permissibbli meta mgħobbija (f'tunnellati)		
Mhux anqas minn	Anqas minn	Mhux anqas minn	Anqas minn	
Żewġ Fusien				
7,5	12	7,5	12	I
12	13	12	13	
13	14	13	14	
14	15	14	15	
15	18	15	18	

Tliet Fusien				
15	17	15	17	
17	19	17	19	
19	21	19	21	
21	23	21	23	
23	25			
25	26			
		23	25	II
		25	26	
Erba' Fusien				
23	25	23	25	I
25	27	25	27	
27	29			
		27	29	II
		29	31	
		31	32	
29	31			
31	32			

(1) Sospensjoni rikonoxxuta bħala ekwivalenti skond it-tifsira fl-Anness II għad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fil-Komunità l-qisien massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 67, 9.3.2002, p. 47).

Kombinazzjonijiet ta' vetturi (vetturi artikolati u road trains)

Fusien motorizzati b'sospensjoni tal-arja jew riko-noxxuti bħala ekwivalenti		Sistemi oħra ta' sospensjoni fuq il-fusien motorizzati		Klassi ta' ħsara
Għadd ta' fusien u massa massima mgħobbija teknikament permissibbli (f'tunnellati)		Għadd ta' fusien u massa massima mgħobbija teknikament permissibbli (f'tunnellati)		
Mhux inqas minn	Inqas minn	Mhux inqas minn	Mhux inqas minn	
2 + 1 fusien				
7,5	12	7,5	12	I
12	14	12	14	
14	16	14	16	
16	18	16	18	
18	20	18	20	
20	22	20	22	
22	23	22	23	
23	25	23	25	
25	28	25	28	
2 + 2 fusien				
23	25	23	25	
25	26	25	26	
26	28	26	28	
28	29	28	29	
29	31	29	31	II
31	33	31	33	
33	36	33	36	III
36	38			
2 + 3 fusien				II
36	38	36	38	
38	40			
		38	40	III
2 + 4 fusien				II
36	38	36	38	
38	40			
		38	40	III
3 + 1 fusien				II
30	32	30	32	
32	35			
		32	35	III
3 + 2 fusien				II
36	38	36	38	
38	40			
		38	40	III

		40	44	
40	44			
3 + 3 fusien				
36	38	36	38	I
38	40			
		38	40	II
40	44	40	44	
7 fusien				
40	50	40	50	II
50	60	50	60	III
60		60		
Mill-inqas 8 fusien				
40	50	40	50	I
50	60	50	60	II
60		60		III

IS-SEBA' SKEDA

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-IMPOŻIZZJONI TA' TARIFFA TAL-KONĠESTJONI

Din l-Iskeda tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-impożizzjoni ta' tariffa tal-konġestjoni.

1. Il-partijiet tan-network soġġetti għat-tariffi tal-konġestjoni, il-vetturi u l-perjodi ta' ħin koperti

L-Awtorità Kompetenti għandha tispeċifikaw preċiżament:

(a) il-parti jew il-partijiet tan-network trans-Ewropew tat-toroq u l-awtostradi imsemmija fir-Regolament 3(1), li jkunu soġġetti għal tariffa tal-konġestjoni f'konformità mar-Regolament 8(1) u (3).

(b) il-klassifikazzjoni ta' sezzjonijiet tan-network li huma soġġetti għat-tariffa tal-konġestjoni bħala "metropolitani" u "mhux metropolitani". L-Awtorità Kompetenti għandha tuża l-kriterji stabbiliti fit-Tabella 1 għall-finijiet li tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni ta' kull sezzjoni tat-triq.

Tabella 1

Kriterji għall-klassifikazzjoni tat-toroq fuq in-network imsemmijafil-punti (a) bħala "metropolitani" u "mhux metropolitani"

Kategorija tat-triq	Kriterju tal-klassifikazzjoni
"metropolitani"	Sezzjonijiet tan-network għaddejjin minn agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ta'250 000 abitant jew aktar
"mhux metropolitani"	Sezzjonijiet tan-network li mhumiex kwalifi-kati bħala "metropolitani"

(c) il-perjodi li matulhom tapplika t-tariffa, għal kull sezzjoni individwali. Meta japplikaw livelli ta' tariffi differenti matul il-perjodu tariffarju, l-Awtorità Kompetenti għandha tispeċifikaw b'mod ċar il-bidu u t-tmiem ta' kull perjodu li matulu tiġi applikata tariffa speċifika.

L-Awtorità Kompetenti għandha tuża l-fatturi ta' ekwivalenza pprovduti fit-Tabella 2 għall-fini tal-istabbiliment tal-proporzjon bejn il-livelli tariffarji għal kategoriji ta' vetturi differenti:

Tabella 2

Fatturi ta' ekwivalenza għall-istabbiliment tal-proporzjon bejn il-livelli tat-tariffi tal-konġestjoni għal kategoriji ta' vetturi differenti

Kategorija tal-vettura	Fattur ta' ekwivalenza
Vetturi ħfief	1
Vetturi tqal riġidi tal-merkanzija	1,9
Kowċis u xarabankijiet	2,5
Vetturi tqal tal-merkanzija artikolati	2,9

2. Ammont tat-tariffa

Għal kull kategorija ta' vettura, sezzjoni tat-triq u perjodu ta' ħin, l-Awtorità Kompetenti għandha tiddetermina ammont wieħed speċifiku, stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 1 ta' din l-Iskeda, filwaqt li jitqies il-valur ta' referenza korrispondenti stabbilit fit-Tabella tat-Tmien Skeda. L-istruttura tat-tariffi li tirriżulta għandha tkun trasparenti, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha fuq termini ugwali.

Qabel ma jimplimenta tariffa tal-konġestjoni, l-Awtorità Kompetenti għandha tippubblika fil-ħin dawn kollha li ġejjin:

(a) il-parametri kollha, id-data u informazzjoni oħra meħtieġa biex jinf- tiehem kif tiġi deċiża l-klassifikazzjoni tat-toroq u tal-vetturi u kif jiġu stabbiliti l-perjodi ta' applikazzjoni tat-tariffi;

(b) id-deskrizzjoni sħiħa tat-tariffi tal-konġestjoni li japplikaw għal kull kategorija ta' vetturi fuq kull sezzjoni tat-triq u għal kull perjodu ta' żmien.

L-Awtorità Kompetenti għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li għandha tiġi ppubblikata skont il-punti (a) u (b).

It-tariffa għandha tkun stabbilita biss wara li jkun ġie kkunsidrat ir-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku flimkien ma' kwalunkwe effett negattiv fuq is-siku- rezza fit-toroq, l-ambjent u l-konġestjoni, u kwalunkwe soluzzjoni biex jittaffew dawn ir-riskji.

Meta l-Awtorità Kompetenti tkun biħsiebha tapplika tariffi tal-konġestjoni ogħla mill-valuri ta' referenza stabbiliti fit-Tabella tat-Tmien Skeda, hi għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar dawn li ġejjin:

(i) il-lok tat-toroq soġġetti għat-tariffi tal-konġestjoni;

(ii) il-klassifikazzjoni ta' toroq bħala "metropolitani" u "mhux metropoli- tani", kif speċifikat fil-punt (b) tat-Taqsima 1;

(iii) il-perjodi li matulhom tapplika t-tariffa, kif speċifikat skont fil-punt (c) tat-Taqsima 1;

(iv) kwalunkwe eżenzjoni parzjali jew sħiħa applikata għal minibuses, xara- bankijiet u kowċis.

3. Monitoraġġ

L-Awtorità Kompetenti għandha timmonitorja l-effikaċja tal-iskema li timponi t-tariffi fit-tnaqqis tal-konġestjoni. Fejn xieraq, kull tliet snin, għandhom jaġġustaw l-istruttura tariffarja, il-perjodu/i tariffarju/i u l-ammont speċifiku tat-tariffa stabbilita għal kull kategorija partikolari ta' vetturi, tip ta' triq u perjodu ta' żmien skont il-bidliet fil-provvista u fid-domanda tat-trasport.

IT-TMIEN SKEDA

VALURI TA' REFERENZA TAT-TARIFFA TAL-KONĠESTJONI

Din l-Iskeda tistabbilixxi l-valuri ta' referenza tat-tariffa tal-konġestjoni.

Il-valuri ta' referenza pprovduti fit-Tabella hawn taħt għandhom jiġu applikati għal vetturi ħfief. It-tariffa għall-konġestjoni għal kategoriji oħra ta' vetturi għandha tiġi stabbilita permezz tal-multiplikazzjoni tat-tariffa applikata għal vetturi ħfief bil-fatturi ta' ekwivalenza pprovduti fit-Tabella tas-Seba' Skeda.

Tabella

Il-valuri ta' referenza tat-tariffa tal-konġestjoni għal vetturi ħfief

ċenteżmu/kilometru ta' vettura	Metropolitani	Mhux metropolitani
Awtostradi	25,9	23,7
Toroq ewlenin	61,0	41,5

ID-DISA' SKEDA

RENDIMENT TAL-EMISSJONIJIET

Din l-Iskeda jispeċifika r-rendiment tal-emissjonijiet għal sustanzi niġġiesa li skonthom għandhom jiġu differenzjati l-pedaġġi u t-tariffi għall-utent f'konformità mar-Regolament 5(6), il-punt (b).

Tabella

Kriterji tar-rendiment tal-emissjonijiet għal sustanzi niġġiesa għal vetturi ħfief

Pedaġġi u tariffi għall-utent	5-15% inqas mill-ogħla rata	15-25% inqas mill-ogħla rata	25-35 % inqas mill-ogħla rata	Massimu ta' 75 % inqas mill-ogħla rata
Rendiment tal-emissjonijiet	Euro-6d-temp-x (#)	Euro-6d-x (#)	Valuri massimi ddikjarati tal-RDE għall-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa (##) < 80 %tal-limiti tal-emissjonijiet applikabbli	Vetturi b'emissjoni-jiet żero

(#) fejn x tista' tkun vojta jew tkun waħda minn dawn li ġejjin (EVAP, EVAP-ISC, ISC jew ISC-FCM)

(##) kemm għal NOx kif ukoll għal PN kif irrappurtat fil-punt 48.2 taċ-Ċertifikat tal-Konformità, fl-Appendiċi għall-Anness VIII għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683[6]

[6] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 tal-15 ta' April 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-

sorveljanza tas-suqta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi (ĠU L 163, 26.5.2020, p. 1).